**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr. Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law)**

Illum, 2 ta' Diċembru, 2016

**Il-Pulizija**
**(Spettur James Grech)**

**-vs-**

**Norbert Grixti, detentur tal-Karta ta' l-Identita` numru 660461(M).**

Kumpilazzjoni Nru. 56/2012

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba fil-konfront tal-imputat Norbert Grixti u ċioè talli:

1. fil-21 ta' April, 2009, matul il-ġurnata f' Excelsior Grand Hotel Malta, il-Furjana, fil-kapaċità tiegħu bħala general manager tal-istess lukanda, b'nuqqas ta' ħsieb, bi traskuraġni, jew b'nuqqas ta' ħila fl-arti jew fil-professjoni tiegħu jew b'nuqqas ta' tħaris ta' reġolamenti, weġġħet gravi Victoria Cassar hekk kif iċċertifikat Dr Elaine Pace Spadaro u dan ai termini tal-Art. 225, 226(1) (a) u 218 (1)(a)(b) tal-Kodiċi Kriminali Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

2. fl-istess żmien u/jew fix-xhur ta' qabel, lok u ċirkostanzi naqas milli jħares is-saħħa u s-sigurtà tal-impjegati, kif ukoll tal-persuni kollha li jistgħu jiġu affetwati bix-xogħol, li jkun qed isir u dan billi naqas milli jieħu l-passi neċessarji kollha sabiex jiġi evitat dannu fiżiku, korriment jew mewt fuq il-post tax-xogħol u dan ai termini tal-artikoli 6(1)(2) tal-att 27/2000 Kap 424;

3. fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem, u ta' persuna li taħdem għal rasha, naqas il jagħmel, jew li jiżgura li ssir evalwazzjoni xierqa, suffiċjenti u sistematika tal-perikli tas-saħħa u s-sigurtà kollha li jistgħu jkunu preżenti fuq il-post tax-xogħol u r-riskji li jirriżultaw li jikkonċernaw l-aspetti kollha tal-attività tax-xogħol. Dawn l-evalwazzjonijiet għandhom jikkunsidraw ir-riskji tas-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema u tal-persuni li jaħdmu għar-rashom li għalihom ikunu esposti waqt il-ħin tax-xogħol, inkluż dawk li jżuru l-post tax-xogħol, liema riskji jirriżultaw mix-xogħol imwettaq, jew in konnessjoni miegħu jew mit-tmexxija tal-impriża u dan ai termini tal-artikolu 10(1) tal-Avviż Legali 36/03;

4. fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem, u ta' persuna li taħdem, naqas milli jassigura s-saħħa u s-sigurtà tal-ħaddiema f'kull żmien u f'kull aspett li għandu x'jaqsam max-xogħol, jagħmel arranġamenti xierqa għall-ippjanar effettiv, organizzazzjoni, kontroll, moniteraġġ u rivista tal-miżuri preventivi u protettivi, waqt li jikkunsidtraw in-natura u d-daqs tal-intrapriża u jieħu l-miżuri neċessarji għas-salvagwardja tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-post tax-xogħol u għal dan il-għan jippreveni riskji fuq il-post tax-xogħol u jipprovdi informazzjoni u taħriġ kif meħtieġ u dan ai termini tal-artikoli 4(1)(2)(3) tal-Avviż Legali 36/03;

5. fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas milli jassigura li jieħu miżuri meħtieġa biex jassigura li l-apparat tax-xogħol għad-dispożizzjoni tal-ħaddiema fl-intrapriża u/jew fl-istabbiliment innifsu jkunu adatti għax-xogħol li jkun se jitwettaq jew adatti kif imiss għall-iskop u jkunu se jintużaw mill-ħaddiema mingħajr periklu għas-sigurtà u s-saħħa tagħhom. Naqas ukoll bħala persuna li tħaddem, illi fl-għażla ta' apparat li jintuża jagħti każ tal-kundizzjonijiet u l-karatteristiċi speċifiċi tax-xogħol kif ukoll tal-perikolu li jeżistu fl-intrapriza u/jew fl-istabbiliment, b'mod speċjali fil-post tax-xogħol, għas-sigurtà u s-saħħa tal-ħaddiema u/jew kull periklu addizzjonali li jirriżulta mill-użu tal-apparat in kwestjoni u dan ai termini tal-artikoli 3(1) tal-avviż Legali 282/04; u

6. fl-istess żmienijiet, lok u ċirkostanzi bħala persuna li tħaddem naqas milli jassigura li jieħu l-miżuri meħtieġa biex matul il-ħajja tax-xogħol tiegħu kollha, l-apparat tax-xogħol ikun qiegħed jinżamm permezz ta' manutenzjoni adegwata u dan ai termini tal-artikolu 4 tal-Avviż Legali 282/04.

Rat n-nota ta' rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali tad-19 ta' Novembru, 2012,[1] permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

a) Fl-artikoli 226(1)(a) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) Fl-artikoli 6 tal-Att dwar l-Awtorità tas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;

[1] Fol.178

c) Fir-regolament 10 tar-Regolamenti dwar dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Avviż Legali 26/2003 taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;
d) Fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar dispożizzjonijiet Ġenerali dwar is-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Avviż Legali 26/2003 taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;
e) Fir-regolament 3(1) tar-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Sigurtà u għas-Saħħa), Avviż Legali 282/2004 taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta;
f) Fir-regolament 4 tar-Regolamenti dwar Apparat tax-Xogħol (Bżonnijiet Minimi tas-Sigurtà u għas-Saħħa), Avviż Legali 282/2004 taħt il-Kapitolu 424 tal-Liġijiet ta' Malta; u
g) Fl-artikoli 17, 31 u 533 tal-Kodiċi Kriminali, tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi trattat u deciz bi procedura sommarja minn dina l-Qorti.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet il-provi.

Semghet trattazjoni.

Ikkunsidrat-

Illi qabel xejn irid jinghad illi ghalkemm din il-kawza tirrigwarda reati li allegatament sehhew f'April, 2009, l-istess kawza giet mismugha minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta, u l-ewwel udjenza quddiem din il-Qorti, kif preseduta, giet mizmuma fil-25 ta' Frar, 2016.

Illi dan huwa kaz li jirrigwarda l-korriment fuq il-post tax-xoghol ta' Victoria Cassar fejn il-parte leza allegatament soffriet dizabilita` permanenti. Ghandu jigi sottolinejat ukoll li **l-parte leza giet rizarcita** mill-kumpanija li qed tigi rapprezentata mill-imputat izda dan sar minghajr pregudizzju ghal fatt li l-akkuzi kollha qed jigu respinti mill-imputat.

Illi qabel xejn l-Qorti sejra tghaddi sabiex tikkonferma r-risponsabbilita` personali tal-imputat fis-sinistru.

Illi Dr Michael Camilleri, rapprezentant tal-Malta Tourism Authority, xehed li l-imputat kien registrat bhala *licencee* ta' bar gewwa l-Grand Hotel Excelsior Dive Centre.[2] Mistoqsi jekk il-lukanda ghandhiex licenzja jwiegeb *"Pero` mhux*

[2] Vide Dok JG3, fol.38-39

*assocjat ma Norbert Grixti."[3]*, izda aktar il-quddiem jesebixxi applikazzjoni ghal Dive Centre ghan-nom ta' Grand Hotel Excelsior Limited fejn jaghti d-dettalji tieghu personali bhala l-*"Applicant (in whose name license shall be issued)"[4]* u jiffirma bhala l-General Manager.[5] Dr Claudette Fenech, in rapprezentanza tal-Malta Financial Services Authority, prezentat il-*Memorandum & Articles* tal-kumpanija Grand Hotel Excelsior Limited (recte JG4)[6] fejn l-imputat *"Qatt ma kien involut"* fil-kumpanija imsemmija.[7] Rapprezentant tal-ETC jixhed li l-imputat kien registrat bhala Director of Human Resources bejn l-1 ta' Jannar, 2009 u l-10 ta' Lulju, 2009,[8] u kien registrat bhala "employee".[9]

Illi min-naha l-ohra, fl-ezami minn tieghu l-imputat, ghal mistqosija dwar is-sengha jew professjoni tieghu wiegeb li hu kien *"General Manager, Excelsior"*; jinghad izda li l-ezami sehh ferm wara d-data tal-incident u ghalhekk ftit ghandu rilevanza ghajr ghall-kariga tieghu meta kienu nbdew il-proceduri.[10] Mhux l-istess jista' jinghad ghal dak ammess mill-imputat innifsu fl-istqarrija li rrilaxxa fis-6 ta' Mejju, 2010, fejn jghid *"Kont bdejt bhala Director Human Resources imma mbaghad meta fethet il-lukanda f' Settembru 2007 kellhi l-kariga ta' General Manager."[11]* Nathalie Micallef li fi zmien tal-incident kienet *Executive House Keeper* xehdet li l-imputat kien il-General Manager tal-Hotel u l-ghola awtorita` fil-lukanda.[12] Victoria Cassar ukoll kienet gharfet lill-imputat bhala l-General Manager,[13] kif l-istess gara b' Dorianne Camilleri.[14] Iktar minn hekk jekk wiehed jara d-dokumentazzjoni, u cioe' *emails* mibghuta mill-imputat innifsu, hu stess jindika li l-kariga tieghu hi ta' General Manager, Grand Hotel Excelsior-Malta.[15]

L-artiklu 13 tal-Att Dwar L-Interpretazzjoni jipprovdi li:

---

3 Fol.15

4 Fol.146

5 Rigward id-data li Camilleri jghid hi dik tal-10/03/2001, il-Qorti tqis li dan ma jistax ikun korrett kemm peress li kif tindika l-formola stess dawn il-formoli nhargu fil-2008 (Dok. JM12, Fol.145-149 fejn ir-referenza tal-formola hi MTA TSP/G/06 2008) filwaqt li Grixti beda jahdem ma' Grand Hotel Excelsior bhala Director of Human Resources fl-1 t'Awissu 2007(fol.84) (Vide JG13) Raguni ohra ghaliex dan hu skorrett temana mill-ammont tat-*third party liability insurance* indikat fl-applikazzjoni imsemmija li hu fid-denominazzjoni tal-munita Ewro u ghalhekk certament jirrisali ghal wara il-31 ta' Dicembru, 2007 (fol.147).

6 Fol.40

7 Fol.20

8 Fol.22. Vide ukoll fol.84 Dok JG6

9 Fol.24

10 Fol.105 u 142

11 Fol.92. Jinghad illi l-istqarrija hija ammissibli galadarba l-artiklu 355AU tal-Kodici Kriminali kien iddahhal fis-sehh permezz tal-A.L.35/2012 fl-10 ta' Frar, 2010.

12 Fol.125-126

13 Fol.131

14 Fol.165

15 Fol.195. Ara ukoll f'dan is-senslil min gie indirizzat ir-rapport tal-Inginier Chircop, – fol.197

Meta xi reat taħt jew kontra xi disposizzjoni li tinsab f'xi Att, li jkun għadda sew qabel jew wara dan l-Att, isir minn korp jew għaqda ta' persuni, sew jekk tkun persuna ġuridika jew le, kull persuna li, fil-ħin tal-egħmil tar-reat, kienet direttur, *manager*, segretarju jew uffiċjal ieħor simili tal-korp jew għaqda, jew kienet tidher li qed taġixxi f'dik il-kariga, tkun ħatja ta' dak ir-reat kemm il-darba ma tippruvax li r-reat ikun sar mingħajr it-tagħrif tagħha u li tkun eżerċitat id-diliġenza kollha xierqa biex tevita l-egħmil tar-reat:.... [emfazi tal-Qorti].

Illi mill-provi jirrizulta, w *del resto* gie konfermat mill-imputat innifsu, li huwa jaggixxi bhala l-General Manager tal-Grand Hotel Excelsior. Indubbjament ghalhekk hu applikabbli ghall-imputat l-artikolu 13 tal-Att dwar l-Interpretazzjoni, Kapitolu 249 tal-Ligijiet ta' Malta, bil-konsegwenzi kollha li dan l-artikolu jimporta kompriz, f'certi kazi l-inversjoni tal-oneru tal-prova, u cioe` li, una volta jigi stabbilit li l-incident ikun gara tort tal-korp jew ghaqda ta' persuni, ikun jinkombi fuqu li jipprova li r-reat ikun sar minghajr it-taghrif tieghu w li hu kien ezercita d-diligenza kollha xierqa biex jevita l-eghmil tar-reat. Dan apparti kull negligenza, nuqqas ta' hila fl-arti jew is-sengha tieghu, jew naqqas ta' tharis tar-regolamenti minn naha tieghu personalment, li jistghu talvolta jirrizultaw f' dan il-kaz.

Illi l-**Maggur 325 Patrick Bonnici** ddeskriva li hu kien mar fuq il-post tal-incident fejn Cassar kienet diga ttiehdet b'ambulanza l-isptar. *"L-isptar kont kellimtha xi jumejn wara fejn din qaltli li kien hemm bicca plastic, plastic strip u hi ppruvat taqlaha pero` ir-romblu hadilha idejha u ma lahqitx taghfas l-emergency button pero` kien hemm xi hadd minn shabha li ghafas din l-emergency button."*[16].

Illi l-**Ispettur James Grech** kien kellem ukoll lil Cassar li kienet spjegatlu kif kien sehh l-incident *"F'hin minnhom rat bicca plastic wara r-rollers u dahlet idejha biex taqlaha sakemm din kienet ghada qed tahdem u qabditilha idejha bir-rollers. Jidher illi l-impjegata l-ohra ghafset il-buttuna stop biex tkun tista' tohrog idejha Victoria Cassar pero` fil-panic il-buttuna regghet inghafset u regghet bdiet tahdem sakemm fl-ahhar Victoria Cassar rnexxilha taqla' idha."*[17] Ikompli *"Meta kont kellimt lil Victoria Cassar dwar know how li kellha fuq il-magna,* ***qaltli li qatt ma giet mghotija xi edukazzjoni ta' kif tahdem din il-magna****."*[18]L-Ispetturipprezenta dak li ma hu xejn ghajr brochure dwar it-tip ta' magna li kienet wegghet fuqha liema brochure kien ingahta lilu mill-imputat.[19] Jghid li l-imputat qallu li Cassar kienet inghatat *"xi tip ta' training"* u pprezenta *Induction Health and Safety Certificate* datat is-16 t'Ottubru, 2008.[20] L-Ispettur ikompli li Cassar kienet qaltlu li l-kors li nghatat ma kellu x'jaqsam xejn ma kif tahdem il-magna u kien kors ta' gurnata dwar Health & Safety, li ghalih jirreferi ic-certifikat esebit a

---

[16] Fol.12
[17] Fol.26. Vide stqarrija a fol.92-JG10
[18] Fol.27
[19] Fol.26
[20] Fol.89

fol.89.[21] In kontro-ezami kkonferma li Cassar kienet qaltlu li l-magna regghet bdiet tahdem wara li kienet twaqqfet bl-emergency button.[22] Jikkonferma ukoll li *"**Qalet li qatt ma hadet kors fuq il-magna. Hadet kors ta' Health and Safety.**"*[23]

L-Ispettur esebixxa wkoll rapport tal-Engineer Cecil A. Chircop 'Report on Existing Large Laundry Ironer in Hotel Laundry Room' datat it-22 t'April, 2009. Dan kien sar wara li hekk gie rikjest mill-Occupational Health and Safety Authority wara l-ispezzjoni li kienet saret fil-laundry room wara li sehh l-incident (Dok. JG16)[24]. Chircop kien ikkonstata "*The unit has been inspected for sound electrical installations and found all in order…. The roller velocity is relatively slow thus making feeding of wet linen easy and* ***quite safe****. In fact even if one inadvertently has his fingers caught on this rubber roller it is possible to just pull back one's hand without injury…..From the information gathered the operators are given basic training on how to operate this unit inhouse which training was originally given by the manufacturer's technician when the unit was originally installed…..The unit was found safe to operate as long as it is not abused and/or misused."*[25]

Chircop jaghmel certu rakkomandazzjonijiet dwar il-buttuni ta' emergenza u dwar sinjali ta' sigurta` u jzid:

*"Emergency stop button stations*

*Keeping in mind that a possibility of 4 operators making use of the machine one could install additional emergency buttons so that there is an emergency stop switch at each operator position. This way an emergency stop button is always within arms length of any operator.*

*Safety Signs*

*Fix caution/warning signs on machine to ensure all operators are always made aware not to perform any form of activity not instructed by their supervisor during operation and to alert same of malfunctions/abnormalities during operation. The operators must never be allowed to perform any activity except that which they are authorized for in their duty".*[26]

Dan ir-rapport, JG9, gie sussegwentement ikkonfermat mill-Inginier Chircop.[27] Jghid li wara li kien ghamel ir-rapport kien ukoll ghamel *follow-up report* izda *"l-*

[21] Fol.28
[22] Fol.29
[23] Fol.30
[24] Fol.192
[25] Fol.90
[26] Ibid.
[27] Fol.157

*magna tista tintuza pero` l-ahhar assoluzzjoni biex tkompli tintuza, needs to be re-inspected by Health and safety and also inspected by the Health and Safety tal-Hotel stess u tista' tkun bizzejjed."*[28] L-Inginier jikkonferma li l-magna ma kienitx perikoluza biex tintuza kemm il-darba *"Jigifieri jekk inti toqghod fejn ghandhek toqghod within the parameters fejn ghandhek topera u t-training li rcevejt biex taghmel basic operations, if you stay within the limits you are there."*[29] Jerga jikkonferma li **kieku il-magna kellha tigi operata bis-safety features li gew inseriti fl-istess magna min joperaha kien ikun safe.**[30]

Fil-kors tal-istqarrija tieghu, l-imputat jghid li meta beda jahdem mal-Excelsior hu sab il-magna diga installata. Jghid li fil-bidu ma kellhomx *"know how ta' kif tahdem, ghalhekk ma bdietx tintuza mill-ewwel. Maz-zmien sibna nies, <u>tajnihom courses ghal ta' l-apposta fosthom Victoria Cassar</u> u wara dan it-training bdiet topera din il-magna."*[31] L-imputat jishaq li l-magna qatt ma seta' kellha *guard* installata biex hadd ma jdahhal idu ghax fl-ewwel lok anke il-katalgu juriha minghajr guard. Izid li kieku kellha guard ma setghetx tintuza l-magna ghaliex *"f'kaz ta' lozor ...jahdmu tnejn min-nies, persuna fuq in-naha tal-lemin u ohra fuq in-naha tax-xellug. Dawn l-operaturi jistreccjaw il-lozor u jqabbduhom mar-romblu. Il-magna tigbed il-lizar, tnixxfu u jinhareg mittwi minn wara. Kif jidher ukoll fl-istampa mmarkata X [fol. 26], fuq in-naha tax-xellug hemm zewg buttuni. Il-buttuna l-hamra hija l-'emergency stop'. Naghmel riferenza ukoll ghar-romblu ic-celesti skur li jidher bejn ir-romblu l-kbir u s-sinjali dotted. Nispjega illi l-lizar irid jghaddi minn bejn ir-romblu l-kbiru dan ir-romblu z-zghir li qed naghmel referenza ghalih. F'kaz li persuna idahhal idejha bejn dawn iz-zewg rombli, ir-romblu z-zghir jghola l-fuq wahdu u ghalhekk mhemmx cans li wiehed jaqbad idu. Victoria Cassar wegghet idha ghax idha ghaddietha minn fuq ir-romblu z-zghir ghalhekk dan bl-ebda mod ma seta' jghola biex jiffranka milli Victoria taqbad idha. Nghid ukoll li ghadni sallum ma nistax nifhem kif Mrs. Cassar dahhlet idha minn fuq ghaliex hi mara maghmula qasira u nimmagina li kellha tiggebbed biex iddahhal idha........<u>u Victoria Cassar bit-training li hadet,</u> kienet taf li ma kellhiex iddahhal idha hemm.* ***Li kieku tfiet il-magna mill-buttuna 'emergency stop' ma kienx jinqala l-incident****."*[32] Mistoqsi dwar ir-rapport kkommissjonat mill-management l-ghada tal-incident jghid li *"...ssir purtiera tal-plastic trasparenti biex tigbed iktar l-attenzjoni tal-operatur izda jekk l-operatur jiddeciedi li jrid idahhal idu, xorta ma hemm xejn xi jzomm. Zidna ukoll emeregency stop button ohra fuq in-naha l-ohra tal-makna biex iz-zewg operaturi jkollhom kontroll taghha u ghamilna ukoll aktar sinjali."*[33]

---

[28] Fol.154
[29] Fol.156
[30] Fol.157
[31] Fol.93
[32] Fol.93
[33] Ibid.

Illi **Victoria Cassar** ,il-parte leza, xehdet kif waqt li kienet qeda ma tlieta minn nies ohra (Maria [Scicluna], Dorianne [Dimech] u Jacqueline [Micallef]) jghaddu, indunat li kien hemm spaga *"u mort naqbadha u qabadli jdejjha l-isteam roller."*[34] Tispjega li l-ispaga kienet f'dik il-parti li *"Waqt li jdur ir-romblu biex izomm il-lizar dejjem miftuh.....in-naha ta' gewwa...ser naqbadha u hatafli idi r-roller."* Tghid li meta nqabdet idejha ma hassitx ugigh u ma ndunatx bil-gravita` tas-sitwazzjoni tant li l-ghada riedet tirritorna ghax-xoghol.[35] Mitluba tispjega kif sehh l-incident tghid *"Hu u jdur ma dan ir-romblu ghandhek qisu zigarelli biex izommu l-lizar dritt. Wahda minnhom inqatghet u dik itellef. U mort gbidta u hatafuli mal-ewwel ghax kien fast."* **Tghid li ma gietx f'mohha li l-ewwel kellha titfi l-magna izda kif hasset li idha wahlet tfiet il-magna**.[36]*"Ghax li kieku ma tfejtiex kienet tohodli kollha. Hemmhekk kienet tweggha ghax nghid li setghet kienet aghar."*[37] Cassar tkompli li hekk kif qalet lil Maria [Scicluna] li kienet wehhlet idejha, *"Dik regghet xeghlitha u jien ghidtilha le u nizluli naqra ohra. U mbaghad qabdithomli kollha."*[38] Cassar tkompli taghti aktar dettal dwar kif Scicluna regghet xeghlet il-magna *"Ehe ghax Maria mhux hdejja kienet. Maria titwi. Jiena kont lucky li kont in-naha tas-switch ghax huma is-switches fuq in-naha tal-lemin biss kien hemm u jien inzertajt hdejhom....Yes jien tfejtu l-iswitch...Jiena tfejta switch. Hadd ma seta' jitfieh. Ma kienx hemm switches izjed. In-naha tieghi kien l-switch."* Tghid li t-tieni darba kienet Scicluna li tfiet il-magna u dan wara li kienet xeghlitha *"Ehe imma hi m'ghamilithiex biex tweggani. Hi hassbet jekk tixghela mmur lura imma dan ma jistax immur lura. Dan jibqa sejjer il-quddiem...M'ghandhux reverse le."*[39]

Tghid li giet operata minnufih u fi zmien gimgha kienet tilfet erba swaba. Dwar training fuq il-magna u dwar Health and Safety ix-xhud tikkonferma li ***"Ma kellix courses" u li kienu shaba stess li "Urewni kif inhadimha"***[40] Izzid li hi qatt ma attendiet meetings fuq Health and Safety ghajr ghal Induction Course *"Ghax kull min jidhol hemmhekk bilfors irid jaghmel l-Induction ehe."* Cassar tindika l-magna bhala dik li tidher fid-dokument a fol.86 u tghid li idha dammet maqbuda fil-magna ghal xi 4 minuti.[41]Din setghet tinqala sakemm ir-roler infetah mill-genb *"Irid jilluwsja, ma tistah tifthu r-romblu u mill-genb irid jinfetah."*[42]

---

[34] Fol.106
[35] Fol.127
[36] Fol.128
[37] Ibid.
[38] Fol.129
[39] Fol.129-130
[40] Fol.131
[41] Fol.132
[42] Ibid.

Illi **Maria Scicluna** spjegat kif il-magna li fiha daqs wisgha ta' lizar kienet tithaddem b'zewg *rollers* fejn l-lizar jidhol minn naha u johrog minn ohra. Il-magna ghanda *controls* li minnhom tintxghel u tintefa. Semmiet ukoll li hemm 'emergency stop buttons'. *"Ahna konna jiena u Doreen konna fuq wara. Nistennew il-lizar biex jintewa u kien hemm Vicky u Jacqueline fuq quddiem. ...u qaltli stenna ghax wehlitli idejja. Ghidtilha x'inhi? U mort nigri nitfi l-magna....".* Minn hawn u tenut kont dak li xehdet Cassar li l-magna regghet bdiet tahdem, jidher li l-magna bilfors f'xi hin regghet inxteghlet ghaliex kienet twaqqfet bl-'emergency stop' ftit qabel. **Il-fatt li 'emergency stop' jinghafas darbtejn ma ghandhux iwassal sabiex terga tinxtghel il-magna dment li din kienet qed tiffunzjona kif suppost!!**

Scicluna tkompli *"**Speed ta' lizar dejjem qed jghaggel**"*[43] tant li f'minuta tghid li jaghmlu minn tnejn sa tlieta *"Il-lizar inti kemm iddahhlu, jigri wahdu."* Idum ftit sekondi biex johrog *"Seconds. Mhux ha jdum minuta biex johrog zgur.... U jiddependi l-ispeed li ttieh inti....ghax jekk taghmel speed inqas, il-lizar jibqa mxarrab."*[44] (dan jikkontrasta ma dak li jghid l-Inginier Chircop fejn jghid li *"The roller velocity is relatively slow..."*[45]) izda jikkonferma li qalet Cassar meta qalet li ir-romblu kien *"fast".*[46] Tkompli tghid li Victoria *"Hi mghajtietx l-ghajjut mal-ewwel. Qaltli stenna ghax ghandhi idejja mwahhla."*[47] Scicluna tixhed li *"Ahna dejjem konna ttrenjati. Qabel ma nuzaw fuq il-magni, inkunu nafu kif ghandna nuzawha. **Kif titfija specjalment u kif tixelgha**...Kellna l-induction u kellna t-training tas-Supervisor. Jiena qabel ma uzajtha din il-magna, qed jurini kif ghandhi nuzaha."*[48] Tikkonferma li l-'emergency stop button' kien fuq in-naha ta' fejn kienet Victoria *"Fejn kienet hi, Vicky...fuq il-lemin."*[49] Ix-xhud ma setghetx tirrispondi jekk il-magna wara li kienet intfiet regghetx qabdet tahdem. Tghid li Victoria *"Dahhlet idejha hekk ghax kien hemm ic-cinga maqtugha u kien hemm Jacqueline wissitha, qaltliha oqghod attenta ghandhek ic-cinga maqtugha u **hi webset rasha u baqghet ghaddejja. Pruvat taqlahha minghajr ma tfiet il-magna.** Jigifieri hi r-romblu ma tfithux biex taqla dik iz-zigarella. Sewwa ghax kieku easy titfi ir-roller u tigbidha imma r-romblu baqa' ghaddej bl-ispeed tal-lozor."*

Mitluba tiddeskrivi t-tip ta' training li sar fuq il-magni tghid *"Li inti toqghod attenta, idejk ma tistax idahhalha minn hawn ghax inti ghandhek is-safety guard. **Hi li gara ghax dahhlet idejha minn hawn**. Quddiem ghandna is-safety guard*

[43] Fol.111
[44] Fol.112
[45] Fol.90
[46] Fol.12-128
[47] Fol.113
[48] Fol.114
[49] Ibid.

*ahna."* Tghid li Cassar korriet ghaliex dahhlet idejha minn post fejn ma kienx previst li wiehed iddahhal idu. Kieku ippruvat iddahhal idha mal-roller, ma fejn jiddahhal il-lizar, is-safety guard kien jimpedik.[50] Mistqosija mill-Qorti dwar jekk kienx hemm safety guard minn fuq tghid li kien *"Hemm il-purtiera."*[51] Dwar it-training li nghatat tghid *"Ghandna l-induction u jurina kollox qabel ma nahdmu l-magni kif ghandna nuzawhom biex ahna nkunu preparati kif ghandhek tuzaha.* ***L-importanti kif tixghela u titfiha****. Issa r-roller ghandu d-dawl u ghandu l-isteam....mela ghandna Health and Safety. Kien hemm Paul Bonanno dak iz-zmien itina it-training....meta nkunu godda, jurina l-magni kif inhuma u jurina mal-lukanda kollha"*[52]

Illi **Nathalie Micallef** li fiz-zmien tal-incident kienet Executive House Keeper tiddeskrivi kif kienet giet msejjha mill-ufficju taghha meta wegghet Victoria Cassar. *"Lil Victoria insibha idejha jigifieri maqbuza l-guard ghax inti meta tiffeedja l-lizar, hemm qisu tipo ta' romblu li awtomatikament jekk inti subghajk ha jmur naqra over, timbutahulek lura...... idejha kienet maqbuza l-guard...Xhin semghet lehni iggranfat mieghi."*[53] Kienet cemplet tal-maintenance u gabu banketta sabiex Cassar toqghod aktar komda. Ix-xhud tghid li tal-maintenance kienu fuq il-post f'qasir zmien. Skond ix-xhud dak li setghet ghamlet Cassar meta rat li kien hemm string ghaddejja kien li *"Kien hemm l-emergency stop ezatt magenba*."[54] Micallef tikkonferma li l-impjegati kienu jigu trained hekk kif jibdew l-impjieg taghhom, *"Ovvjament fuq il-makkinarju. Kollox kien jigi rrekordjat u ffirmat minnhom stess."* L-ewwel haga li giet mghallma kien dwar safety measures u zzid li *"Supervisor kien ikun hemm on duty, il-magjor parti il-hin kollu."*[55] Dakinhar kien hemm **Raymond Camilleri izda ma kienx fil-kamra dak il-hin.** Ix-xhud tikkonferma li l-imputat kien l-ghola awtorita` fil-lukanda ghax fuqu kienu jigu is-sidien li hafna mill-hin kienu jkunu imsiefrin.[56]

Illi **Dorianne Dimech** tixhed kif kien sar hin il-break u waqt li xi hadd qal lil parte leza biex titfi l-magna din qaltilhom li kienet wehhlet idha fiha. [57] **Dwar training li hadet fuq il-magna partikolari tghid li ma tiftakarx** u ma tafx ghalkemm kienet ilha topera l-magna madwar sena u nofs. Kienet saret taf thaddimha ghax *"Meta dhalt hemmhekk, urewni kif*[58]*.....**Kont naf per ezempju***

[50] Fol.116
[51] Fol.117
[52] Ibid.
[53] Fol.122
[54] Fol.123
[55] Fol.124
[56] Fol.125
[57] Fol.161
[58] Fol.163

***minn fejn tixghel, minn fejn indahhlu l-materjal. Minn fejn johrog**."*[59] kif ukoll dwar is-safety switch.

Dan ifakkar dak li xehdet Scicluna li l-emfazi tat-training kien **dwar kif il-magna tinxtghel u tintefa**!! Certament dan mhux it-training li wiehed jistenna li kellhu jinghata fuq makkinarju fejn l-uzu tieghu u l-mod kif jithaddem kien jixirqilhom spjegazzjonijiet ferm izjed dettaljati. Hafna aktar ta' utilita` milli tkun taf kif iddahhal lizar u kif ghandu johrog mitwi, jew dwar kif tixghel u tifi l-magna, kien ikun training fejn l-operaturi jigu mharrga attivament dwar kif jahdem il-makkinarju nnifsu, u fejn jigi spjegat lilhom kif jahdmu l-komponenti diversi tieghu, fosthom ir-rombli. Kien ikun dan it-training adattat li wiehed kellu jircevi bil-ghan li incidenti fl-uzu tal-magna jigu evitati u l-prekawzjonijiet ikunu ittiehdu. Mill-provi prodotti t-training li kull wahda mil-operaturi tghid li rceviet zgur lanqas jibda biex javvicina dak it-*training* dwar u fuq il-magna u kif din tahdem li kien messu inghata. Dak li jirrizulta mill-atti processwali li nghataw l-operaturi kien semplicement istruzzjonijiet kif lozor kellhom jigu mghoddija u mitwija, u dan permezz tal-magna, izda mhux kif tahdem il-magna *per se!* Lanqas ma jista' wiehed jiskarta l-fatt li s-supervisor ma kienx prezenti meta sehh l-incident.

Ix-xhud Dimech lanqas ma setghet tiftakjar jekk it-training kienx inghata minn kollega iehor jew persuna ohra.[60] Tghid li kienet taf lill-imputat bhala l-General Manager. In kontro-ezami tikkonferma li id Cassar kienet iddahlet minn fuq ir-roller. Mir-risposti li taghti lid-difiza jidher cjar li ftit kellha konoxxenza ta' Paul Bonanno mill-Health and Safety department tal-lukanda; fatt li minnu il-Qorti ma tistax ma tislietx il-konkluzzjonijiet taghha li training dwar health and safety kellu jkun ferm iktar pronunccjat ma dawn l-operaturi!

Illi **Jacqueline Micallef** tispjega kif ftit qabel ma sehh l-incident kienet inqatghet cinga tar-roller li kienu jservu bhala *"Il-guide biex imexxi il-lizar….Kien hemm hafna cineg. Hafna…U wahda minnhom rajtha inqatghet. Kienet in-naha ta' Victoria."*[61] Ix-xhud tghid li qalet lil Victoria sabiex tqoghod *attenta "Dort lejn Victoria. Ghidtilha "Vic attenta ghal idejk". Ghidtilha darbtejn. "Vic attenta ghal idejk".*[62] Tghid li ma ratx l-incident issehh u li hassa hazin u nharget minn fuq il-post. Tikkonferma li kienet inghatat training *"..qabel ma bdejt nahdem jien kelli Induction, kellhi t-training. Waqt it-training qalulna fuq il-Health and Safety. Meta jkun hemm xi fault incemplu l-maintenance. Barra minn hekk, dan ir-roller, ghax jiena kont ittrenjata peress li kien ghadni bidu, kien hemm kollega iehor qaghad*

[59] Fol.164
[60] Fol.165
[61] Fol.170
[62] Fol.171

*jispjegali. Meta ndahhal lizar hemm guide to protect your hands u qalli x'hin idahhal il-lizar, nassumu li tmiss naqra t-tarf ta' subghajk, idejk tohrog il-barra. Voldieri dak kien il-guide."* Bhala safety wear tghid li kienu jilbsu ingwanti *"qishom suf"* izda dan kien biss ghat-table linen.[63] Micallef tixhed li biex tahdem fuq il-magna kellha *"Kollega tax-xoghol stess. Li kienu mhargin aktar minni."*[64] izda tispecifika li kien kollega mill-laundry li kien bl-esperjenza.[65] In kontro-ezami tikkonferma li kull impjegat gdid kien jinghata induction course minn Paul Bonanno filwaqt li nghataw tahrig fuq il-magna.[66]

Illi **Charles Micallef**, Principal Occupational Health and Safety Officer kien ghamel spezzjoni fuq il-post tal-incident u kien ikkonstata li *"il-posizzjoni ta' din il-mara kienet fejn hemm ir-ritratt numru 1 [JG15; fol.186], fejn hemm immarkat bl-ittra X, hemmhekk hemm guard nieqsa. Kif ukoll f'dak l-istess ritratt numru 1, fejn hemm dik il-marka Y, hemmhekk hemm ribbon nieqsa. .... emergency switch f'din il-magna sibt wiehed biss..... Meta jien tkellimt fuq il-**guard nieqsa li kien hemm fuq din il-magna, huwa ndikat f'ritratt numru 9 [fol.190]. Jidher dak il-vojt.** Dak suppost, mela **f'ritratt numru 1 ghandhek guard nieqsa fejn hemm immarkat bl-X**.*" Ix-xhud jghid li nsista mal-management li kien hemm guard nieqsa u dan peress li wiehed seta' jara r-rollers qed iduru.[67] Fil-fatt ikompli *"Wara dik saret, ghax issa nesebixxu sett ta' ritratti" [fol.193-4].* Micallef jiddikjara li ma kienx hemm 'maintenance records' fuq din il-magna u dwar il-guard jghid *"u ghal xi raguni jew ohra, kienet li nqelghet u regghu xethuwha lura. Issa jew bi zvista jew bi traskuragini...**Tidher nieqsa ghax il-postijiet huma vojta. Anke il-boldijiet jigifieri ta' fejn tkun mwahhla huma neqsin. Hija evdienti li darba kien hemm xi haga hemmhekk u mbaghad jew b'dizvista jew bi traskuragini, haga jew ohra**."*[68] In kontro-ezami ix-xhud jghid li ghalkemm ghamel spezzjonijiet fil-lukanda Excelsior dan kien waqt li kienet qed tinbena u certament ma sarux spezzjonijiet minnu fil-laundry room[69] Jghid li l-ewwel darba li ra l-magna kien dakinhar tal-incident. Izid li kien ta Health and Safety training fuq affarijiet generici u mhux fuq il-magna. Jinsisti li kien hemm guard li kienet nieqsa u dan jikkonfermah wara li ra d-dèpliant esebit: *"Nigi muri id-dokument a fol.86 pero din il-pagna mhijiex numerata [ma genb fol.86, immarkata bi vlegga] fejn hawn kwazi magna bhala....fejn il-guard qeda hemmhekk....Iva anke magni ohra simili, bhal taghhom jigifieri hemm ukoll. Il-guards ta' l-stainless steel jidhru fil-gnub. Meta f'dak ir-ritratt numru 1 hija nieqsa."*[70]

---

63 Fol.172
64 Fol.173
65 Fol.174
66 Fol.175
67 Fol.203
68 Fol. 203
69 Fol.205
70 Fol.209

Illi l-imputat ghazel li jixhed u qal li l-makkinarju kien inxtara fl-2006 qabel ma beda jahdem mal-Excelsior Hotel. Sar jaf li l-apparat gie kkummissjonat f'Awissu, 2007, wara li kien ra ittra minn Graham Elliott, Project Manager, li talab lil Penglai Multitex Washing Equipment Co. Ltd. minghand min inxtraw *"18 sets of laundry equipment"*, sabiex jibghatu engineer biex issewwi xi magni li ma kienux jahdmu sew kif ukoll sabiex jaghti training lil hotel laundry staff (Dok. JG20)[71]. Dan kien ghamel Malta mit-18 ta' Jannar, 2008, sat-30 ta' Jannar, 2008. Victoria Cassar kienet giet impjegata f'Settembru 2008 u hu kien jafha miz-zmien li kienu jahdmu s-Suncrest Hotel fejn hi kienet tahdem ukoll fil-laundry department. Tant kien jafha sew li meta kienu qalulu li wegghet persuna fil-laundry mill-ewwel hsiebijietu marru fuq Cassar u qal *"nispera mhux Vicky".*[72] Jikkonferma li kien ra lit-tekniku Ciniz, f' Jannar 2008 ifiehem lill-operaturi kif tithaddem il-magna u s-'safe use' taghha izda <u>sa dak iz-zmien Cassar ma kienitx bdiet tahdem hemm</u>. Mistoqsi mill-Qorti dwar jekk kienx wera s-safeguards u s-safety measures lill-operaturi l-imputat b'onesta jghid li kienet darba biss li kien prezenti meta t-tekniku *"qed jurihom u ma nistax nghidlek ezatt jekk qadtx jgidilhom isma din hekk, pero kien qed jurihom kif juzaw il-magna. Qed niftehmu? Mhux ha nkun pruzuntuz nghidlek iva qed nifatkar qghad jghidilhom oqghodu attenti u dan, le. Li naf hu li dan gie specifically biex jittrenjhom kif juzaw il-magni."*[73]

Ikompli li l-laundry kienet taqa' taht ir-responsabilita` tal-Executive House Keeper Nathalie Micallef, xhud ohra, izda ***<u>"f'kull shift ikollok a supervisor, xi hadd li jkun in charge."</u>***[74] Fil-kaz ta' Cassar is-supervisor kien certu William Spiteri li nzerta kien ukoll il-job coach ta' Cassar; il-job coach kien jaghti training lill-persuna gdida li tkun ghada kemm giet ingaggata. Jghid li Spiteri kien ha training minghand it-tekniku Ciniz.[75] Ikompli li kien hemm maintenance team li jaqa' that Edward Seguna. Grixti jghid li ghalkemm hadd mill-impjegati ma hu impjegat fuq equipment specifiku, l-parti l-kbira ta' xoghol Cassar kien fuq ir-roller fejn hemm il-panel fejn kienet taf <u>tipprogramma u tistartja</u> l-magna aktar mill-ohrajn. Skond l-imputat ir-roller kien jaghmel zewg lozor fil-minuta u ghalhekk ir-rollers kienu jduru *"bil-mod hafna."*[76] L-imputat wara li jispjega l-mod li kienet tithaddem il-magna izid *"Issa l-incident gara ghax hi dahlet idejha."*[77] Interessanti huwa l-fatt li l-imputat **jinnega li qatt kien hemm xi**

---

[71] Fol.299
[72] Fol.276
[73] Fol.277
[74] Fol.278 – diga gie kkonfermat mix-xhud Micallef li Raymond Camilleri kien is-supervisor in-charge dakinhar tal-incident izda ma kienx prezenti meta sehh l-incident.
[75] Fol.279
[76] Fol.281
[77] Fol.283

**guard li tnehhiet** kif allegat mix-xhud Charles Micallef. Jghid li kien hemm bicca metal catta li kienu wahhluha tal-maintenance peress li meta r-roller kien jigi *greased* kienu qed jithammgu il-lozor. [78] *"Issa dan il-famuz guard li rrefera ghalih s-Sur Micallef hawn li huwa hawn, kieku vera qabdet idejha hawnhekk ma kienitx twegga ghax hemmhekk ma hemmx shana u ma kienitx tiggebbed ghax qeghda livell tal-qaddt."*[79] Jiddeskrivi li sab lil Cassar *"qeghda mdendla litterlament into the machine bil-housekeeper qed izzommha….u b'banketta taht saqajha…ghax inti biex iddahhal idejk hemm gew trid tiggebbed. Din iggebbdet u kienet skomda meta wegghet…".*[80] Mela wasal kien hemm il-maintenace manager u n-nies tieghu.[81]

L-imputat spjega f'hiex kien jikkonsisti l-induction training li ssemma kemm il-darba minn xhieda ohra. *"Dan taghmel gurnata shiha inti, parti mit-training huwa ssir familjari mal-lukanda, x'taghmel, minn fejn u haga u ohra, mbaghad ghandhek session fuq health and safety….power point presentation illi saret lil Victoria Cassar, u ahna ntuhom il-handbook jigifieri dak johduh…hemmhekk qed tghidlek li inti kif tara li hemm xi haga mhux qed tahdem kif suppost tieqaf u tinforma lil maintenance jew tinforma lil head…..il-magna kienet prattikamnet gdida..kienet maintained tajjeb, u ghandhi r-records tal-maintance tal-magna…u l-magna jekk tuzaha kif suppost…lanqas tista' twegga….dak li ghamlet Victoria Cassar was unthinkable"*[82] Jispjega li kien hemm mwahhla ukoll purtiera maghmula bi strippi tas-silicon li ghalkemm *"mhux necessarjament kienet qeghda hemm ghal xi protezzjoni…din kellha ittelifha milli ddahhal idejk inti…l-iskop ewlieni kien li s-shana kemm jista' jkun titla' ghal gol extractor pero kienet isservi ukoll ta' deterrent biex inti idejk ma ddahhaliex gewwa ghax qisek qed tghaddiha minn go screen idejk."*[83] Ix-xhud ipprezenta kopja ta' risk assessment li kien sar fuq il-laundry equipment mill-health and safety officer kif ukoll tal-maintenance work li kien sar fuq ir-roller.[84] Gew prezentati ukoll dokumentazzjoni li juru li Victoria Cassar inghata training dwar Evacuation[85] u Health and Safety[86] li sar bhala parti mill-Induction Day Prgoramme mizmum fis-16 t'Ottubru, 2008.[87]

Il-Qorti tinnotta li mir-records tar-risk assessment esebiti a fol.302, fejn l-assessor hu indikat li kien Ray Camilleri fil-kapacita` tieghu ta' laundry supervisor, jinghad li *"Staff are trained in the correct use of laundry equipment and the identification of faults.* ***Follow manufacturers safety***

[78] Fol.286
[79] Fol.293
[80] Fol.287
[81] Fol.288
[82] Fol.294-295
[83] Fol.296
[84] Fol.305--307
[85] Dok. JG21; vide ukoll fol.346
[86] Fol.347
[87] Fol.348

***instructions***."[emfazi tal-Qorti]. Dan id-dokument li jgib id-data tal-4 ta' Dicembru, 2008. Mid-dokumentazzjoni esebita jirrizulta li William Spiteri kien inghata housekeeping induction training izda f'hiex kien jikkonsisti tali training, ma ngiebet ebda prova.

Fi kliem l-imputat kien inghata 'handbook' lill-impjegati tal-laundry u dan gie esebit mill-imputat. [88] **Il-Qorti fliet dan l'hekk imsejjah 'handbook' li ma hu xejn ghajr *sales catalogue*** tal-makkinarju msejjah "Cylinder-heated Ironer Series" fabbrikati minn **Xiaoya Multitex Washing Equipent Co. Ltd.**, li kif jirrizulta mir-ritratt nru. 5 esebit a fol.188, hu l-makkinarju tal-mudell bin-numru **TB II 3000A "IORNER"** *(prezumibilment kellha tinqara "IRONER").* **Bla ebda sforz tal-immaginazzjoni ma jitqies li dan hu xi forma ta' handbook kif qed jikkontendi l-imputat jew xi forma ta' 'operator's manual'.** Kif jikkonferma Edward Seguna, li kien maintenance manager, il-mudell identiku kien dak li jidher a fol.332[89]

In kontro-ezami l-imputat ikkonferma li meta l-parte leza kienet tahdem is-Suncrest Hotel, il-makkinarju kien wiehed differenti. Jikkonferma ukoll li fir-risk assessment jidher li kien Ray Camilleri li kien l-assessor u li bhala rakkomandazzjoni kien hemm is-semplici frazi*: "Follow manufacturers safety instructions."!!* Jigi rieterat, in vista tal-akkuzi migjuba, li ma ngabet ebda prova kontrarja li l-impjegati kienu mgharrfa b'dawn il-manufacturer's instructions ghaliex kemm Attard kif ukoll Seguna ikkonfermaw li dak li gie mghoddi lill-impjegati u lill-maintenace team kien dan il- brochure u cioe' d-dokument esebit minn Attard stess a fol. 316[90] **fejn kelma li hi kelma dwar safety instructions ma tinstab imkien!**

Il-Qorti hawnhekk trid taghmel xi osservazzjonijiet: Liema kienu dawn l-instructions? Fil-katalgu li Sam Attard jghid kien gie mghoddi lill-impjegati u li Edward Seguna jikkonferma ukoll li kien l-uniku dokument qatt mghoddi lilhom, kif inghad ma ssib l-ebda safety instruction!! **Is-safety instructions kienu fil-Owner's Manual izda dan jidher li kien inzamm minn xi hadd iehor fil-management tant li kien biss Paul Bonnanno li esebieh**. Ghalhekk kif qatt wiehed jista' jasal biex jikkonkludi li r-risk assessment kien wiehed sufficjenti? Zgur li ma kienx il-kaz. Interessanti ukoll li kien fl-interess tal-lukanda stess li l-Owner's Manual jinghata lill-maintenance team tenut kont tal-fatt li fih hemm dettaljati l-ispecifications tal-magna, informazzjoni dwar is-sistema elettrika tal-magna, dwar l-'operation and maintenance' taghha, dwar kif ghanda tinzamm 'in running condition' u 'trouble shooting'. Jekk dokument li fil-faccata tieghu

[88] Fol.316-343
[89] Fol.388
[90] Vide ukoll Dok a fol.86

jirrikjedi *"Read This Manual Carefully Before Operation"*[91] u li kien daqshekk essenzjali ma nghatax sahansitra lil maintenance team li xogholhom kien jassiguraw li l-magna tigi operata skond l-istruzzjonijiet tal-manifattur, u dan anke ghas-sigurta' taghhom u tal-operaturi taghha, zgur ma jistax jinghad li kien hemm id-dovuta diligenza f'dan ir-rigward.

Illi xehed **Mario Galea** li ghadu jahdem mal-Grand Hotel Excelsior bhala maintenance technician. Kien mgharraf bl-incident minn fuq *walkie talkie* u flimkien ma Stephen Casha niezlu fil-laundry room u sabu lil Cassar *"fuq banketta b'idha mdahhla fir-romblu…"*.[92] Damu madwar 10-12 il-minuta biex qalawlha idejha sa liema hin kienu wasslu tas-Civil Protection Deprtament. Ix-xhud esebixxa numru ta' dokumenti sabiex juri l-maintenance li kien issir fuq il-magni. Dan jikkontrasta ma dak dikjarat minn Charles Micallef li ma kienx hemm maintenance records tal-apparat. Galea kkonferma wkoll li ma kien hemm ebda guard nieqsa izda kienet saret *"sheet biex ma johrogx grease u affarijiet biex ma jcapsux il-lozor…Mhux guard bhala preventive ghal xi haga. Hija just preventive biex ma ccappasx l-affarijiet li tkun qed tghaddi…..Dik konna ghamilniha ahna ghax kien ikollna hafna complaints li l-lozor u l-affarijiet jiccapsu minhabba grease li johrog mis-shaft."* Jikkonferma li l-oggett abjad kienet ingwanta li kienet daghbet bis-shana. Anke min dan il-fatt ghalhekk jirrizulta li l-impjegati kien imisshom inghataw ilbies protettiv u cioe' ingwanti tas-suf li Micallef xehdet kienu jintuzaw ghat-table linen.[93] Biex hargu idejha kienu fethu il-magna mill-genb u dawwru r-romblu b'lura.[94] In kontro-ezami x-xhud ddikjara li **hu ma kien ha ebda training fuq il-makkinarju in kwistjoni** izda kien ghamel emergency course Hal-Far.[95]

Illi **Edward Seguna** xehed li kien maintenance manager fiz-zmien l-incident fejn kellu team li kien jinkludi technicians u nies mill-maintenance. Kienu jaghtu training; health and safety kien jiehu hsiebu Sam Attard fejn inghataw training fuq fire and response gewwa Hal Far. Jghid li dakinhar tal-incident kien issejjah fuq il-VHF is- supervisor tal-laundry u hu kien mar mill-ewwel il-laundry room fejn sab lil tal-maintenance jifthu l-genb tal-magna u lil Victoria Cassar b'idejha minn fuq imdahhla gol-magna u qeghda fuq banketta. Kien hemm Mario Galea, Stephen Gilson u Stephen Casha. Jghid li kien ra manual tal-magna li kien bl-ingliz. Jikkonferma li kien gie inginier mill-fabbrika li kien urihom kif tahdem il-magna *"ghax il-magna kellha xi settings …"*. Jikkonferma li hu kellhu dak li jsejjah bhala "il-manual" tal-magna li hu esebit a fol.316[96] izda wara jghid ***"Dak huwa li***

[91] Fol.466
[92] Fol.363
[93] Fol.172
[94] Fol.367
[95] Fol.368
[96] Fol.386

***kellna ahna…Ehe Brochure".*** [97] Jinsisti li kienu tghallmu fuq il-magna peress li kien gie technician li kien ghallimhom kif joperaw il-magna. Fl-ahhar tal-kontro-ezami tieghu **jikkonferma li fil-katalgu li kellhom ma kien hemm ebda riferenza ghal safety features-**

*"Xhud: Le ma hemm xejn minn dan*
*Qorti: U qatt ma rajt xi manual fuq hekk inti? Fuq kif tahdem, safety, xejn?*
*Xhud: Ma jidhirlix….Ma jidhirlix li kien hemm xi haga ohra."* [98]

Illi xehed **Sam Attard** li fiz-zmien l-incident kien Security Manager fil-lukanda; hu kien sar jaf bl-incident minn Nathalie Micallef u jikkonferma li kien sab lil Cassar imdendla mar-roller fuq banketta. Fuq il-post kien hemm il-maintenance team u kienu qalghu il-genb tal-magna u fi zmien 5 minuti kienu irnexxilhom jaqilghu idejha. Spjega kif technician Ciniz kien ghallem lis-supervisors li dak iz-zmien kienu jissejju 'team coaches' li kienu gew trained minn persuna Germaniza dwar kif ghandhom jghallmu lin-nies ta' tahthom. Il-tekniku Ciniz *"ghallem lil dawk li kienu se jkunu team caches ghal magni kollha li hemm fil-laundry fosthom din l-ironer."* Dan kien ghallem lil certu William Spiteri bhala 'team coach' li kien ha f'idejh dawk il-haddiema li kienu ser jahdmu fuq dik il-magna. Ikkonferma li Cassar inghatat training induction health and safety u evacuation training. Il-Health and Safety training kien issir minn Paul Bonanno u giet esebita presentazzjoni minn tieghu li sussegwentement kienet tinghata anke minn Attard.

Ix-xhud ipprezenta rapport li kien ghamel l-ghada tal-incident. Dan id-dokument jelenka dawk il-courses li nghatat Cassar li <u>l-ebda wiehed minnhom ma jidher li kien specifiku fuq il-makkinarju in kwistjoni.</u> [99] Dan jerga jigi kkonfermat fid-dokument esebit bhala SA2 fejn jinghad that il-heading 'Training' li *"Victoria Cassar was <u>assigned to be</u> supervised and trained by William Spiteri."* Kopja tar-risk assessment esebit mill-imputat a fol.302, gie ukoll esebit mix-xhud Attard bhala SA3.[100] Dan jindika li dan kien sar ma Nathalie Micallef ghalkemm id-dokumentazzjoni tindika lil Ray Camilleri bhala assessor. Risk assessment iehor sar fil-25 t'April, 2009, fejn din id-darba l-assessor kien Paul Bonanno innifsu, Dok. SA4.[101] Hawnhekk kien gie indikat li *"Ironer machine needs the following: Two additional emergency stop buttons. Safety signs. Perimeter curatins. Guard….Electrical cables to be removed from floor".* Wiehed jinnota li kien hemm rakkomandazzjonijiet simili dwar emergency stops u senjalazzjoni anke mill-Inginieer Chircop fir-rapport tieghu dtata it-22 t'April, 2009.

---

[97] Fol.387
[98] Fol.390
[99] Dok. SA1 fol.407
[100] Fol.412
[101] Fol.415

Illi **Paul Bonnano** jixhed kif f'Settembru, 2007, gie offrut l-posizzjoni ta' health and safety officer mal-Excelsior. Kienet inbdiet 'health and safety policy' u kull impjegat gdid inghata induction training li jispjega kien jikkonsisti *"health and safety induction courses, evacuation courses"*[102] permezz ta' 27-slide power point presentation. It-training kien issir b'tali mod li kien jiffokka fuq is-settur li l-impjegati partikolari kienu jahdmu fih.[103]Ikkonferma li Cassar attendiet ghal *evacuation training* kif ukoll ghal *health and safety traing induction course*. Bonanno kien ta dawn il-courses personalment u jindika li slide partikolari, dik numru 20 kienet taghmilha cara li kien jigi spjegat lilhom *"Report to head of department any physical conditions, systems which you consider unsafe or potentially unsafe."*[104]Ikompli *"Ahna ghandna dipartiment u hija r-responsabilita` tieghek illi tigbed l-attenzjoni tas-Supervisor tieghek, u s-Supervisor minn naha tigehu jinforma lil maintenance department biex hu minn taghhom jirrangaw. Jigifieri ahna konna qeghdin nenfasizzaw l-hin kollu illi fejn hemm periklu jew xi haga ili inthom qeghdin tinnutaw illi mhux qeghda tahdem sewwa tohduhiex f'idejkhom imam nfurmaw."*[105] Dwar Cassar jghid *"…kienet persuna li tiehu l-affarijiet bis-serjeta`…kellha certu esperjenza tax-xoghol."*[106]

Dwar training fuq il-magna jispjega li dan kien inghata mit-tekniku Ciniz lil Ray Camilleri u William Spiteri li kienu t-tnejn supervisors. Izid li kien dahal kemm il-darba fil-laundry room u kien issib lil Spiteri il-hin kollu jimmonitorja u jaghmel supervizjoni fuq Victoria.[107] Jiddeskrivi kif meta kien hemm ilment li kien hemm shana eccessiva hierga mill-magna li kienet tahdem fuqha Cassar, kienu marru tal-OHSA u dawn kemm infurmawhom li kellha ssir ventilation izda ma saret ebda rakkomandazzjoni dwar dan. Jikkonferma li kien hu li ghamel ir-risk assessment f'Dicembru, 2008, u kien assistit minn Ray Camilleri u li fih kien issemma li kellha tigi prestata attenzjoni dwar *entrapement, moving object* u *electrocution*.[108] Il-Qorti tinnota izda li a fol.465, kif gja gie osservat, hemm dikjarat li r-risk assessment sar ma Nathalie Micallef.

Dwar ic-certifikazzjoni tal-magna jghid li din kienet tlahhaq ma direttivi Ewropej kif ukoll International Standards u fil-fatt esebixxa l-Specifications taghha li huwa d-dokument immarkat PB5.[109] Bhal PB6 gie esebit ukoll dak li x-xhud iqis huwa certifikazzjoni ta' 'CE Conformity'. Il-Qorti kienet mill-ewwel innutat li filwaqt li l-Mudell kien dak bin-numru TBII3000A (vide ukoll ritratt nru. 5 esebit

[102] Fol.423
[103] Fol.424.
[104] Fol.429 u Dok. PB2-fol.459
[105] Fol.429
[106] Fol.430
[107] Fol.434
[108] Fol.440
[109] Fol.466

a fol.188 fejn jidher li l-magna hi precizament dan il-mudell, kif ukoll il-konferma minn Edward Seguna li l-magna kienet dik li tidher a fol.332 fejn il-mudell partikolari jinsab fil-hames kolonna u cioe' TB II 3000A.),[110]dak li gie esebit mix-xhud kien jirrigwarda makkinarju differenti minn dak li effetivament inxtara, kif jixhed ukoll l-invoice fejn jidher li nxtara Ironer TBII3000A.[111] Ir-ritratti esebiti ma jhallu ebda dubbju dwar dan. Jinghad ukoll li a fol.488 tas-Sales Contract hemm imnizzel fil-paragrafu Nru.3 *"Making Standard is Complied to EU standard and some ones have got CE Approval."* [emfazi tal-Qorti]. Ghalhekk mid-dokumenti esebiti huwa biss PB7 li hu Certificate of Conformity li jirreferi specifikament ghal-mudell in kwistjoni.[112]

In kontro-ezami jghid li fejn fir-risk assessment tal-4 ta' Dicembru, 2008, qed jghid *"Follow manufactuer's safety instructions"* (PB3)[113] hu qed jirreferi ghal dak li hemm deskritt f'Dok.PB5 fejn fost affarijiet ohra inghad *"Do not stretch hands into operation area of the machine."*[114] Madanakollu ma jwegibx ghal domanda tal-Qorti daqshekk diretta u specifka jekk dan il-Owner's Manual inghatax lill-istaff izda jwiegeb *"Ahna minn taghna t-training li kien issir ma ninsewx li gie persuna ghal t'apposta."* fejn dan kien ta t-training lil supervisors. **Ghalhekk mill-atti processwali ma rrizultax li l-impjegati gew mgharrfa bil-kontenut tas-'safety instructions' fil-Owner's Manual (PB5) li hu ta' natura teknika**; ghalkemm ix-xhud jghid li hu kien prezenti meta Victoria Cassar kienet qed tinghata informazzjoni dwar safety features dan ma jaghtix iktar dettal dwar x'tip ta' struzzjonijiet inghatat jew dwar il-prekawzzjonijiet li giet mgharrfa bihom. Lanqas ma jipprovdi informazzjoni dwar min kien qed jaghti dan it-training lil Cassar.[115] Dan seta' serva biex jikkontradici dak li stqarret Cassar dwar in-nuqqas ta' training li nghatat. Jinghad ukoll kif konfermat minn Attard innifsu dak li nghataw l-istaff kien biss il-dokument esebit a fol 316 li dwaru l-Qorti gja ghamlet l-osservazzjonijiet taghha. Fl-ahhar tax-xhieda tieghu jikkonferma li l-makkinarju ma kienx gie iccertifikat li jilhaq is-CE marking mill-MCCAA.[116]

Wara li gew ezaminati bir-reqqa l-provi migjuba u x-xhieda mismugha, l-Qorti ghandha dawn l-osservazzjonijiet x'taghmel:

Ma hemmx qbil dwar min ghafas l-'emergency button' u kemm il-darba din giet hekk maghfusa. Skond il-Maggur Bonnici, Cassar qaltlu li ma lahqitx taghfas l-

[110] Fol.388
[111] Fol.492
[112] Fol.498
[113] Fol.460
[114] Fol.451
[115] Fol.451
[116] Fol.455

emergency button pero` kien hemm xi hadd minn shabha li ghafas din il-buttuna[117]filwaqt li Cassar qalet lill-Ispettur Grech li impjegata ohra ghafset il-buttuna stop biex tkun tista' tohrog idejha Victoria Cassar pero` fil-panic il-buttuna regghet inghafset u regghet bdiet tahdem. Scicluna izda tghid li kienet hi li griet biex titfi l-magna. Quddiem il-Qorti Cassar insistiet li hi tfiet il-magna u li Maria Scicluna regghet ghafsitha u l-magna regghet bdiet tahdem.[118] Scicluna ukoll tikkonferma li kienet Cassar li qaltilha li nqabditilha idejha – dan juri li kif stqarret Cassar hi ghall-ewwel hi kienet trankwilla, baqghet f'sensiha u ma kienitx indunat bil-gravita` tas-sitwazzjoni. Ma hemm ebda raguni ghaliex il-Qorti ma ghandhiex tistrieh fuq ix-xhieda ta' Cassar bhala wahda li hi *"safe and satisfactory".*

Hu x'inhu l-kaz jirrizulta li l-magna regghet bdiet tahdem wara li kienet twaqqfet permezz tal-'emergency button', li addirittura jidher li nghaffset ghal darbtejn. Kemm Cassar kif ukoll Scicluna jikkonfermaw li tfew il-magna. Difficli ghalhekk li wiehed jifhem (kemm il-darba l-magna ma regghetx giet startjata minn xi hadd fil-paniku li certament inhakkmu minnu l-operaturi), x'tip ta' 'emergency button' hi din u x' sigurta` suppost toffri jekk tippermetti li magna li tkun twaqqfet terga' tibda tahdem jekk jerga' jigi maghfus! Fl-Owner's Manual a fol.475 jinghad dan dwar l-Emergency Stop (li kif inghad mill-provi lanqas ma jirrizulta li l-impjegati qatt gew maghrfa b'dawn id-dettalji) *"Under emergency circumstance, just press the RED emergency stop button to stop the machine. Remember to turn the adjustment know* [?] *to its min position after emergency resolved to have the machine ready for the next startup."* Jibqa l-fatt kkonfermat minn aktar minn xhud wahda li ftit wara li ntuza l-emergency stop, il-magna regghet bdiet tahdem.

L-Skeda li ssir riferenza ghaliha fir-Regolament 4 tar-Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha), A.L. 82/2004, li jirrigwarda l-hames akkuza tipprovdi:

2.6. L-apparat tax-xoghol kollu ghandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqfu kompletament u b'sigurtà. Kull stazzjon tax-xoghol ghandu jkun armat b'kontroll biex iwaqqaf l-apparat tax-xoghol parzjalment jew kollu kemm

---

117 Fol.12

118 Cassar kienet kategorika u filwaqt li ammettiet li ma gietx f'mohha li l-ewwel kellha titfi l-magna <u>tfietha</u> kif hasset li idha wahlet. *"Ghax li <u>kieku ma tfejtiex</u> kienet tohodli kollha."* Cassar tkompli li hekk kif qalet lil Maria [Scicluna] li kienet wehhlet idejha, *"<u>Dik regghet xeghlitha</u> u jien ghidtilha le u nizluli naqra ohra. U mbaghad qabdithomli kollha.(fol.129) …… Jiena kont lucky li kont in-naha tas-switch ghax huma is-switches fuq in-naha tal-lemin biss kien hemm u jien inzertajt hdejhom….Yes jien tfejtu l-iswitch…Jiena tfejta switch. Hadd ma seta' jitfieh. Ma kienx hemm switches izjed. In-naha tieghi kien l-switch."* Tghid li t-tieni darba kienet Scicluna li tfiet il-magna u dan wara li kienet xeghlitha *"Ehe imma hi m'ghamilithiex biex tweggani. Hi hassbet jekk tixghela mmur lura imma dan ma jistax immur lura. Dan jibqa sejjer il-quddiem…M'ghandhux reverse le."(fol.129-130).*

hu, skond it-tip ta' periklu, sabiex l-apparat ikun fi stat sigur. Il-kontroll tal-waqfien ta' l-apparat ghandu jkollu prijorità fuq il-kontroll ta' l-istartjar. Meta l-apparat tax-xoghol jew il-partijiet perikoluzi tieghu jkunu waqfu, il-forniment ta' energija lill-attivaturi ta' l-apparat ghandu jintefa'.

2.7. Meta jkun hekk adatt, u jiddependi mill-perikli li jipprezenta l-apparat u l-hin tal-waqfien normali tieghu, l-apparat tax-xoghol ghandu jkun iffittjat bi strument tal-waqfien ta' emergenza.

Graw kif graw l-affarijiet jibqa l-fatt li l-impjegati ma kellhomx *know-how* approfondit dwar kif topera l-magna kuntrarjament ghall-uzu taghha sabiex jaghmlu xogholhom! Jidwu d-dikjarazzjonijiet kwazi identici tal-laundry attendants Scicluna u Dimech li meta mistoqsijin dwar il-'safety precautions' li gew istruwiti dwarhom, dawn jiddeskrivu li *"Ghandna l-induction u jurina kollox qabel ma nahdmu l-magni kif ghandna nuzawhom biex ahna nkunu preparati kif ghandhek tuzaha.* ***L-importanti kif tixghela u titfiha.***[119] u *"Meta dhalt hemmhekk, urewni kif.....Kont naf per ezempju* ***minn fejn tixghel, minn fejn indahhlu l-materjal. Minn fejn johrog....u dwar is-safety switch."***[120]

Il-Qorti tqis li kien ikun ferm utli li kieku l-impjegati nghataw estratti minn dan il-Owner's Manual (li baqa mistur sakemm esebieh Paul Bonanno f'dawn il-proceduri) milli 'brochure' dwar il-prodotti kollha li timmanifatura l-istess fabbrika Xiaoya/Penglai <u>u li ma fih ebda riferenza ghal 'safety features.</u>'[121] Anke x-xhud Bonanno mistoqsi kemm il-darba dwar is-'safety training' fuq il-magna, li jghid li assista ghalih meta darba sab lil Cassar ma genb supervisor, jibqa ma jsemmiehx min kien dan is-supervisor u ma jaghti ebda dettal dwar liema safety precautions kienet qed tigi mghallma fuqhom. Mis-semplici fatt li Jacqueline Micallef xehdet li kienet wissiet lil Cassar biex toqghod attenta ghal idejha ma jirrizultawx provi li l-impjegati u partikolarment Cassar rcevew xi training jew imqarr twissijiet dwar il-perikli insiti fit-thaddim tal-magna. <u>Possibli li hadd, imma hadd, ma semma' il-fatt tant baziku li xi hadd kien ghallimhom biex ma jdahhlux idejhom gor-romblu tal-magna u l-konsegwenzi koroh li dan l-att seta' gab mieghu?</u>

Ir-risk assessment sar f'Dicembru, 2008, u kien prospettat iehor ghal sena wara. Il-fatt li fir-risk assessment datat 4 ta' Dicembru, 2008, PB3,[122] hemm inmizzel *"Follow manufactuer's safety instructions"* ma ngabet ebda prova li l-impjegati kienu mgharrfa bl-istruzzjonijiet indikati mill-manifattur. Dan jirrizulta mir-risposta li ta Bonnano lil Qorti a fol 450-451 fejn ghamel biss riferenza ghal-fatt li kienu gew mgharrfa lis-supervisors. Iktar minn hekk izda, **fi kliem Sam Attard,[123], dak li kienu nghataw l-impjegati kien id-dokument esebit a fol.**

[119] Fol.117- Xhud Maria Scicluna
[120] Fol.164- Xhud Dorianne Dimech
[121] Fol.387
[122] Fol.460
[123] Fol.405

**316 (li saru osservazzjonijiet ampji mill-Qorti dwar l-istess) u kif jasal jammetti hu stess dan kien biss 'brochure'!** Kif gja ntqal dan kien gie kkonfermat ukoll mill-maintenance manager Edward Seguna il-maintenance manager.[124] F'dan il-*brochure* mela, ma hemm ebda riferenza dwar safety instructions. Edward Seguna, jikkonferma ukoll li kien l-uniku dokuemnt qatt mghoddi lilhom *"Dak huwa li kellna…Ehe brochure."[125]!!*

Jirrizulta izda li fl-Owner's Manual kien hemm paragrafu zghir ta' tlett sentenzi dwar 'Safety and Protection.'[126]izda kif inghad jidher li hadd ma kien jaf bl-ezistenza ta' dan id-dokument tant li kien biss l-ahhar xhud tad-difiza Paul Bonnanno, li kien ilu xi zmien li halla Malta, li kien konsapevoli dwaru w fil-fatt esebieh bhala PB5.[127] Lanqas ma jirrizulta minkejja l-emfazi kbira li saret li l-impjegati kienu jinghataw tahrig generali kif ukoll specifiku relatat mas-settur li jahdmu fih, li dawk is-safety instructions, minimi kemm huma minimi, gew reproduced f'xi slide ta' xi power point presentation li setghet saret ghall-impjegati tal-laundry!

Hu rilvanti ukoll li l-islide li saret riferenza ghaliha kemm mix-xhieda Attard u Bonnano, slide no.20 fid-Dok.PB2 kienet dik li tipprovdi li*"Report to head of department any physical conditions, systems which you consider unsafe or potentially unsafe."[128]* Dwar dan jigi sottolinejat li kif kkonfermat min Nathalie Micallef filwaqt li tghid li *"Supervisor kien ikun hemm on duty, il-magjor parti il-hin kollu."* u li dakinhar Raymond Camilleri kien is-supervisor, irrizulta li dan **ma kienx fil-kamra meta sehh l-incident!*[129]*** Lanqas ma jista jinghad li l-istruzzjoni li ssemmi Jacqueline Micallef li fil-health and safety course, li jerga jinghad kien wiehed ta' gurnata u ta' natura generika, kienu gew mghallma li kellhom jirraportaw kwalunkwe fault lill-maintenance,[130] kienet tapplika ghal kaz odjern peress li certament il-fatt li tinqabad zigarella ma jistax jitqies bhala 'fault' li tfisser biss hsara fuq xi makkinarju.

Dwar is-supervisors li jinghad li tharrgu u li kellhom l-obbligu jghallmu lill-impjegati li kienu gew sussegwentement ingaggati mal-laundry, kienu Ray Camilleri u William Spiteri li baqaw ma gewx prodotti bhala xhieda. B'hekk ma ngabet ebda prova kontradittorja ghal dak li xehdet Cassar meta insitiet li ma rcevitx training fuq il-magna. Dak li xehdu l-imputat, Attard u Bonanno rigward it-training specifiku *fuq il-magna nnifisha* li hadet Cassar, jammonta biss ghall-

[124] Fol.387
[125] Fol.387
[126] Fol.471
[127] Fol.466
[128] Fol.429 u Dok. PB2-fol.459
[129] Fol.124
[130] Fol.171-172

*hearsay,* u ghalhekk ix-xhieda tas-supervisors Camilleri u Spiteri potenzjalment setghet serviet sabiex tinciedi fuq l-inverzjoni tal-oneru tal-prova kif previst bl-Artiklu 13 tal-Kap.249. Jerga jigi mfakkar li ghalkemm Bonanno jghid li kien ra lil Cassar ma supervisor, ma jsemmiex minn kien, u lanqas dwar liema safety features jew prekawzjonijiet Cassar kienet qed tgi mghallma.[131] Rilevanti ukoll li laundry attendant ohra xehdet li t-tahrig biex tahdem fuq il-magna ma kienx inghata lilha minn supervisor izda minn *"Kollega tax-xoghol stess. Li kienu mhargin aktar minni."*[132] Fil-fatt ix-xhud Sam Attardipprezenta rapport li kien ghamel l-ghada tal-incident. Dan id-dokument jelenka dawk il-courses li nghatat Cassar li l-**ebda wiehed minnhom ma jidher li kien specifiku fuq il-makkinarju** in kwistjoni.[133] Dan jerga jigi kkonfermat fid-dokument esebit bhala SA2 fejn jinghad taht il-heading 'Training' li *"Victoria Cassar was assigned to be supervised and trained by William Spiteri."*[134] **Ma ngiebet ebda prova li fil-fatt Spiteri kien tnieda xi training ghal Cassar fuq l-uzu specifiku tal-ironer u li din effetivament ippartecipat fih; fatt li Cassar innegat!**

Dwar ilbies protettiv irrizulta li dakinhar tal-incident Cassar kienet liebsa biss ingwanta tal-plastic li kif xehdu il-maintenace team u kif jixhed ir-ritratt numru 3 a fol. 187, meta gie mbuttat lura ir-romblu, instabu fdalijiet tal-ingwanta li kienet daghbet.[135] Ma jaghmel ebda sens li meta wiehed qed jahdem fuq makkinarju li jiggenera shanat, dan juza ingwanti tal-plastic. Ix-xhud Nathalie Micallef qalet li jintuzaw ingwanti qishom tas-suf ghat-table linen biss u ghalhekk ghall-kunsiderazzjonijiet ohrajn u mhux dwar sahha u sigurta` ghall-operatur.[136]

Illi Charles Micallef accenna ghall-fatt li kien hemm bzonn ta' guard u fil-fatt wara l-incident din kienet saret.[137] L-iskeda msemmija fir-regolament 4 tal-Avviz Legali 282/2004 tipprovdi ukoll li:

2.11. Fejn ikun hemm riskju ta' kuntatt mekkaniku ma' partijiet jiccaqilqu li jista' jwassal ghal incidenti, dawk il-partijiet ghandhom ikunu pprovduti b'harsien jew strumenti li jevitaw access ghal zoni perikoluzi jew biex iwaqqfu l-movimenti ta' partijiet perikoluzi qabel ma jintlahqu z-zoni perikoluzi. L-istrumenti ta' harsien u tal-protezzjoni ghandhom:
- ikunu ta' kostruzzjoni robusta,
- ma jwasslux g]al perikli addizzjonali,
- ma jkunux tax-xorta li jitwarrbu malajr jew li jissir inoperattivi, …..

131 Fol450-451
132 Fol.173-174
133 Dok. SA1 fol.407
134 Fol.464-Accident Report maghmul minn Bonanno
135 Vide xhieda Mario Galea fol.363 et seq.
136 Fol.172- Xhud Jacqueline MIcallef
137 Fol.193-194

Fl-ahhar nett kif kien irrileva anke l-Ingineer Chircop kien hemm nuqqas ta' safety signage, inklux b'mod grafiku: ***"…kif ukoll jiena stajt ninnotta nuqqas ta' Health and Safety signs hemmhekk ukoll.".***[138] Dan jigi kkonfermat mill-fatt li l-Ingineer li tqabbad fuq istruzzjonijiet tal-Occupational Health and Safety Authority b'ittra datata it-22 t'April, 2009, jirrikmanda li ghandhom jitwahhlu Safety Signs. Sussegwentement, kif anke kkonferma Micallef[139]meta jaghmel riferenza ghar-ritratti li esebixxa bhala JG17-fol.193-194 li kienu ttiehdu biex biex juri li kienu saru l-modifikazzjonijiet u ttiehdu l-mizuri li kien rrikmanda l-Ingineer Chircop, b'ittra datata it-13 ta' Mejju 2009, l-OHSA kienet ikkonfermat li *"Since this Authority is satisfied with the Engineer's Certificate of the machine, performed by Ing. Cecil Chircop and the emasures indiacted in his Report have been taken…."*[140]

Illi fl-ewwel pagna tar-rapport tieghu li jgib l-istess data l-Ingineer Chircop kien osserva in-nuqqas ta' safety signs u fil-fatt irrikmanda kif gej:
*"Safety signs*
*Fix caution/warning signs on machine to ensure all opeartors are always made aware not to perform any activity not instructed by their supervisor during operation and to alert same of any malfunctions/abnormalities during operation. The operators must never be allowed to perform any activity except that which they are authorised for in their duty."*[141]

In-nuqqas ta' safety signs kien ukoll konsiderazzjoni fost ohrajn li huma rilevanti anke ghal-kaz odjern fis-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Ronald M. Galea, John Magro, Michael Magro, Victor Curmi u Christian Magro:**

viii. Kwantu ghall-ewwel aggravju, din il-Qorti, mill-kumpless tal-provi, hi sodisfatta li s-socjeta` jew kumpanija in kwistjoni naqset milli tipprovdi adegwatament ghas-sahha u s-sugurta` tal-impjegati taghha u dan principalment minhabba tliet ragunijiet. Theuma kien jahdem fuq din il-magna – iz-z-mixer – saltwarjament. Infatti mid-deposizzjoni tieghu quddiem din il-Qorti jirrizulta li dan aktar kien ircieva, ghall-ftit okkazjonijiet li kien ihaddem din il-magna, tharig informali minghand impjegati ohra bhalu, milli tahrig formali min xi hadd specjalizzat kif suppost. L-incident de quo gara fil-5 ta' Gunju 2007, mentri l-ahhar tahrig formali li Theuma (u zewg impjegati ohra) inghata proprju minn Victor Curmi kien fit-12 ta' April 2006 (ara d-dokument RA1 ezibit quddiem din il-Qorti waqt li kien qed jiddeponi ghat-tieni darba Kevin Theuma fit-23 ta' Ottubru 2009). Ghal persuna li, kif inghad, kienet thaddem din il-magna saltwarjament, dan certament ma kienx bizzejjed. ……L-unika forma ta' twissija li kien hemm fil-kamra fejn kienet tinsab iz-z-mixer biex dak li jkun joqghod attent qabel ma ma jibda l-process tal-iscraping kienet bicca karta, bhal dik li tidher a fol. 40, li kienet inserita f'folder tal-plastic u mwahhla mal-hajt (ara d-deposizzjoni ta' John Magro tal-24 ta' Ottubru 2009). Apparti li l-avviz kien biss bl-Ingliz – "Do not put hand in 'Z' mixer while it is in motion. Wait for it to stop completely before scraping off the residues from the mix" – ma kien hemm ebda safety signage fis-sens ta' twissija b'mod grafiku, kif

[138] Fol.203
[139] Fol.204
[140] Fol.191
[141] JG.9 fol.90; kopja a fol.197-198

suppost ikun hemm. It-twissija mehtiega biex wiehed joqghod kontinwament attent kienet, ghalhekk, karenti. Mid-deposizzjoni tax-xhud tal-prosekuzzjoni Charles Micallef, jirrizulta li l-kumpanija ma kienet ghamlet ebda risk assessment specifikatament fir-rigward tal-process li ghalih kien jintuza z-z-mixer. [142]

Inkwantu ghall-ewwel imputazzjoniji migjuba din il-Qorti se tirreferi ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Perit Louis Portelli, B.E &A., A&CE:**[143]

"Hu mehtieg ghall-kostituzzjoni tar-reat involontarju, skond l-artikolu 239 tal-Kodici Penali, illi tirrikorri kondotta volontarja negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb ("imprudenza"), traskuragini ("negligenza"), jew ta' hila ("imperizja") fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikatament f'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti – li tkun segwita, b'ness ta' kawzalita`, minn event dannus involontarju.

Ghandu jigi premess illi, ghall-accertament tal-htija minhabba f'kondotta negligenti, ghandu isir il-konfront tal-kondotta effetivament adoperata ma' dik il-persuna li s-sapjenza rumana identifikat mal-"bonus pater familias"; dik il-kondotta, cioe` ili fil-kaz konkret kienet tigi wzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibbilita` normali; kriterju dan li, filwaqt li iservi ta' gwida oggettiva ghall-gudikant, ihallieh fl-istess hin liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret. "La diligenza del buon padre di famiglia costituisce un criterio abbastanza indeterminato per lasciare al giudice gran liberta` di valutazione" (Giorgi, Teoria delle Obbligazioni, II, 27 p.46)…

…Huwa obligu specifiku ta' kulhadd illi juza fl-agir tieghu dik id-diligenza li s-sitwazzjoni tissuggerixxi ghall-prevenzjoni ta' pregudizzju ghal-terzi. Hija kultant il-ligi stess li permezz ta' preskrizzjonijiet u divjeti tiddixxiplina l-attivitajiet individwali f'kamp determinat; u f'dal kaz ikun negligenza, bhala element tal-kolpa, in-nuqqas ta' tharis tal-precett tal-ligi. Fejn dan il-ligi ma tghamlux, tkun tikkostitwixxi negligenza dik il-kondotta li l-generalita` tal-ohrajn tajba tal-istess kategorija ma kienitx tadopera fic-cirkostanzi. Dan il-kriterju jindika l-limiti tar-responsabbilita` kolpuza, u fl-istess hin jiddetermina d-diligenza indispensabbli biex jigu evitati sanzjonijiet legali; u waqt li jiddixxplina l-kondotta individwali, ihalli lok ghall-apprezzament ta' diffikultajiet u probabilitajiet tas-sitwazzjoni konkreta. Meta wiehed, quddiem kaz prattiku, iqies ic-cirkostanzi jadopera ruhu kif generalment kien jaghmel "vir bonus" tal-istess kategorija, u jifforma konvinciment; jekk mbaghad jirrizulta li l-kondotta tieghu ma kienitx obiettivament adatta ghall-kaz konkrett, huwa ma jirrispondix ghar-rizultat. F'dan il-kaz il-konvinzjoni ragunata, jew dik li komunemenet tissejjah ic-"certezza morali", kif distinta mic-"certezza obbiettiva", tkun sufficjenti biex teskludi l-imputabbilita`. Din il-konvinzjoni trid tkun bazata mhux fuq innuqqas ta' impenji ghall-iskoperta` tar-realta`, imma fuq il-verosimilianza soda li, a bazi ta' elementi esterni, is-sitwazzjoni tkun tipprezenta.

Dan l-istess kuncett iservi mbaghad ta' gwida biex jigi stabbilit fil-kaz partikulari n-ness ta' kawzalita`bejn ir-rizultat u l-kondotta tal-agent. Presuppost ta' dan in-ness kawzali huwa komportament guridikament negligenti; fejn dan ma jezistx ma jkunx hemm quddiem il-ligi dak in-ness, u allura l-event dannuz johrog mill-limiti tal-imputabbilita` u jkun jirraprezenta l-fortuwitu.

L-element fortuwitu spiss jiddetermina sitwazzjoni. Dan partikolarment jissuccedi fl-ezercizzju ta' attivitajiet professjonali, fejn f'ram aktar minn iehor, il-professjonista` huwa kontinwament konfrontat minn esigenzi, diffikulatjiet u relattivitajiet ta' metodi, u espost ghall-azzjoni ta' elementi injoti."

---

[142] S.T.O. Prim Imhallef Dr. Vincent Degaetano, App. Krim. Nru.164/2009, 23.08.2010
[143] 4.02.1961 per Onor. Imhallef Dr. J. Flores. Kollez. Deciz Vol.XLV.iv.870, 903

Issir riferenza ukoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Ludwig Micallef**[144] li ghalkemm kien kaz li jirrigwarda incident stradali, l-principji hemmhekk enuncjati xorta jsibu applikazzjoni ghall-proceddiment odjern:

"Jispetta ghalhekk lill-Prosekuzzjoni tipprova b'mod konklussiv illi l-incident li fih miet Clifford Micallef sehh unikament jew almenu in parti, tort ta' negligenza, traskuragni w nuqqas t'osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-imputat li tajjarha.

Sabiex tipprova dan il-Prosekuzzjoni ma tistax tistrieh fuq dak li l-Qorti tista' tahseb li gara, ghaliex il-gudikant irid necessarjament jiddeciedi *iuxta allegata et probate*. Id-dover tal-Prosekuzzjoni hu allura li jipprezenta quddiem il-Qorti, kaz konvincenti u pprovat li adegwatament jistabilixxi l-htija tal-imputat ghall-akkadut, li tipprova kondotta voluntarja, negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb 'imprudenza', 'negligenza' jew 'traskuragni' jew ta' hila, ta' 'imperizja' fl-arti jew professjoni jew konsistenti specifikament fin-nuqqas ta' osservanza tal-Ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn akkadut dannuz u involontarju.

Dan ifisser li fil-materja tal-kolpuz hemm necessarjament l-element t'attivita diretta ghal xi fini partikolari, li minhabba nuqqas ta' certu prekawzjoni jistghu jigu lezi jew danneggjati jew impregudikati l-interessi ta' terzi. Il-konnotat karetteristiku tal-kulpa huwa l-prevedibilta' tal-event dannuz, li kondotta llegali ta' xi hadd tista' ggib. Din hija l-kulpa normali jew l-hekk imsejha 'colpa incosciente' a differenza minn dik imsejha 'colpa cosciente', li hija l-kulpa bl-element fiha tal-previst tal-akkadut.

Hemm diversi forom ta' kodotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu.

L-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe' kif jghid **Manzini**:- "L-inettitudine e insuficienza professionale generale o specifica, nota all' agente di cui egli vuole non tener conto".

Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, odnijiet u simili bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku –Kap 65, il-High Way Code – Motor Vegicle Regulations – bl-iskop li jigu evitati l-possibiltajiet ta' hsara u dannu lil terzi.

Il-Qorti hi ghalhekk sejra tezamina bir-reqqa x'inhuma l-ingredjenti tar-reat principali in ezami, u cioe' ta' dak kontemplat fl-**Artikolu 225 tal-Kap. 9,** u cioe' tar-reat li bih gie akkuzat l-imputat, u cioe' omicidju involontarju. L-**artikolu 225 tal-Kap 9** jiddisponi s-segwenti:

"Kull minn b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu, jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti, jikkaguna l-mewt ta' xi hadd …"

[144] Deciza mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-17 ta' Awwissu 2010 per Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, Nru.753/2006. Il-konsiderazzjonijiet legali maghmula minn din il-Qorti gew abbracciati fis-sentenzi tal-istess Qorti, diversament preseduta, fil-kawzi fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Edward Bonnici** (27.010.2016), u **Il-Pulizija vs Rudolph Gatt** (03.02.2016), it-tnejn per Magistrat Dr. Josette Demicoli.

Issa ghalhekk, wiehed irid jifli l-elementi li jikkostitwixxu dan r-reat, li huma bazikament tlieta u cioe:-
1. b'nuqqas ta' hsieb, bi traskuragni, jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni tieghu jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti ;
2. kkaguna l-mewt ;
3. fuq persuna.

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali nhar il-21 ta' Marzu 1996 fl-ismijiet **il-Pulizija vs Richard Grech** dik il-Qorti sostniet is-segwenti:-

"Huwa mehtieg ghal kostituzzjoni tar-reat involontarju skond l-artikolu 225 tal-Kodici Penali, li tirrikorri kondotta volontarja, negligenti – konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb, imprudenza fl-arti jew fil-professjoni, jew konsistenti specifikament f'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita' minn event dannuz involontarju. Ghandu jigi premess li ghal accertament tal-htija minhabba f'kondotta effettivament adegwata ma' dik ta' persuna li s-sapienza umana identifikat mal-bonus pater familias, dik il-kondotta cioe' fil-kaz konfet, kienet tigi uzata minn persuna ta' intelligenza, diligenza u sensibilita normali, kriterju dan li filwaqt li jservi ta' gwida objettiva ghal gudikant, jhallieh fl-istess hin, liberu li jivvaluta d-diligenza tal-kaz konkret."

L-awtur Taljan **Giorgi** fil-ktieb tieghu **Teoria delle Obbligazione** – 1127 pagna 46 ighid:-

"La diligenza del buon padre di famiglia costituisce in criterio abbastanza indeterminate per lasciare al giudice Liberta' di valutazione".

Fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Leonard Grech** deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali nhar il-hamsa ta' Settembru, 1990, il-Qorti dahlet fid-dettal dwar in-natura tal-kolpa f'dawn il-kawzi. In succint fuq skorta ta' awturi u gurisprudenza, t-trepod tal-kolpa gie definit bhala:
1. la volontarieta dell'atto;
2 la mancata previsione dell'effetto nocivo;
u
3 la possibilita di prevedere.

Bhala konkluzzjoni tad-definizzjoni li din il-Qorti trid taghti lit-terminologija culpa, ghalhekk jibqa' dejjem li l-element taghha huwa <u>volontarjeta' tal-att, in-nuqqas ta' previzjoni tal-effetti dannuzi ta' dak l-att u l-possibilta' ta' previzjoni ta' dawk l-effetti dannuzi.</u> Jekk l-effetti dannuzi ma kienux prevedibbli, hlief b'diligenza straordinarja li l-ligi ma tesigix u li semmai tista' ggib culpa levissima li ma hiex inkriminabbli, ma hemmx htija. (vide **Il-Pulizija vs John Vella** deciza nhar il-15 ta' Dicembru 1958 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali) [sottolinejar tal-Qorti]

X'inhu l-obbligu tas-sewwieq fil-posizzjoni tal-imputat? Ir-risposta tohrog mil-Ligi u senjatament mill-Artikoli 225 u 226. Dan jimporta li l-prosekuzzjoni trid tipprova, f'kazijiet bhal dak odjern, illi l-imputat kien kolpevoli ta' nuqqas ta' hsieb, jew ta' traskuragni jew li naqas li jhares xi regolamenti, f'dan il-kaz, r-regolamenti tat-traffiku. Il-prosekuzzjoni trid tipprova in-nexus bejn il-mewt tal-vittma u t-traskuragni tal-imputat, liema nexus irid irendi t-traskuragni l-kawza immedjata u prossima tal-effett, wara trid ukoll tipprova li t-traskuragni kienet culpable negligence u cioe' li tammonta ghal criminal misconduct. (vide **Il-Pulizija vs Manuel Schembri** deciza nhar it-28 ta' Novembru 1949 mill-Qorti ta' l-Appelli Kriminali.)

Irid jigi determinat allura jekk l-imputat kienx hati ta' xi nuqqas ta' hsieb jew traskuragni jew ta' nuqqas ta' tharis tar-regolamenti…. .""

Issir riferenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Aaron Camilleri et**:[145]

"Kif inghad fis-sentenza **Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et**, deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-31 ta' Lulju 1998, "Skond l-Artikolu 225 tal-Kodici Kriminali, sabiex jirrizulta d-delitt ta' omicidju involontarju, hemm bzonn li tirrikorri kondotta volontarja negligenti, konsistenti generikament f'nuqqas ta' hsieb (imprudenza), negligenza jew traskuragni, jew ta' hila (imperizja) fl-arti jew professjoni, jew konsistenti specifikatament fin-nuqqas ta' osservanza talligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, li tkun segwita b'ness ta' kawzalita`, minn akkadut dannuz involontarju".

Il-gurist **Francesco Carrara** jghid hekk dwar il-culpa, "… il tripode sul quale si aside la colpa sara` sempre questo - 1° volontarieta` dell'atto - 2° mancata previsione dell'effetto nocivo - 3° possibilita` di prevedere."[146]

Bl-istess mod, il-**Professur Anthony J. Mamo**, fin-noti tieghu, jghid hekk:

"In these definitions the essence of negligence is made to consist in the "possibility of foreseeing" the event which has not been foreseen. The agent who caused the event complained of, did not intend or desire it, but could have foreseen it as a consequence of his act if he only had minded: so his negligence lies in his failure to foresee that which is foreseeable".[147]

U fis-sentenza fuq citata, gie ritenut hekk dwar il-kondotta kolpuza:

"… kondotta kolpuza hija definita bhala kondotta volontarja li tikkaguna event dannuz, mhux volut, izda prevedibbli, li seta' jigi evitat bl-uzu ta' attenzjoni jew prudenza fi grad ta' persuna normali".

Hemm diversi forom ta' kondotta kolpuza derivanti minn att ta' negligenza, imprudenza, imperizja u non ossevanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili.

L-imprudenza tekwivali ghal "un atto inconsiderato e rischioso" maghmul b' "leggerezza" jew "sconsideratezza"[148] u kif jghid **Antolisei,** "L'imprudenza e` propriamente l'avventatezza, l'insufficiente ponderazione ed implica sempre una scarsa considerazione per gli interessi altrui".[149] U kif insibu fin-**Novissimo Digesto Italiano,** "Si comporta con imprudenza che tiene una condotta positive dalla quale occorreva astenersi perche` capace di cagionare un determinate evento di danno o di pericolo, o che e` stata compiuta in modo non adatto, cosi` da essere, pericolosa per l'altrui diritto penalmente tutelato. E`, quindi, una forma di avventatezza, un agire senza cautela."[150] Bl-istess mod, fis-sentenza fl-ismijiet Il-Pulizija vs Saverina sive Rini Borg et, fuq citata inghad illi "L-imprudenza tigi mill-agir ta' xi hadd minghajr ma jiehu l-opportuni kawteli".

---

145 Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Magistrat Dr. Natasha Galea Sciberras, 25.04.2014, Kump. Nru 609/1993

146 Carrara F., "Programma Del Corso Di Diritto Criminale", Vol. I (Parte Generale), p. 88.

147 Prof. Sir A. J. Mamo, Lectures in Criminal Law, p. 67

148 Dizionario Zingarelli, (2002) "Vocabalorio della Lingua Italiana", Nicola Zingarelli (Edizzjoni 12 Gunju, 2001).

149 Antolisei F., "Manuale di Diritto Penale: Parte Generale", Edizzjoni 15 (Giuffre`, 2000), p.366.

150 Novissimo Digesto Italiano, Vol. III, p. 548.

In-negligenza tigi mid-disattenzjoni u disakkuratezza tal-agent fil-kondotta tieghu, fil-waqt illi "l-imperizja hija l-forma specifika tal-kulpa professjonali cioe`, kif jghid il-**Manzini**: `inettitudine e insufficienza professionale, generale e specifica, nota all'agente, di cui egli vuole non tener conto`".[151]

Skond l-imsemmija sentenza, "Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghal nonosservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-awtorita` pubblika dwar xi attivita` determinata u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita` ta' hsara u dannu lil terzi, cjoe`, dawk li jkollhom l-element tal-prevenzjoni." Il-kulpa tista' tkun dovuta wkoll ghalhekk ghal non ossevanza tal-ligijiet u regolamenti bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Ordinanza tat-Traffiku (Kap. 65 tal-Ligijiet ta' Malta) u l-High Way Code – Motor Vegicle Regulations, fost regoli ohrajn.

Dwar id-diligenza rikjesta fil-kamp kriminali, il-**Professur Anthony Mamo** jghid illi "The amount of prudence or care which the law actually demands is that which is reasonable in the circumstances of the particular case. This obligation to use reasonable care is very commonly expressed by reference to the conduct of a 'reasonable man' or of an 'ordinarily prudent man', meaning thereby a reasonable prudent man: "negligence", it has been said, "is the omitting to do something that a reasonable man would do, or the doing something that a reasonable man would not do" … What amounts to reasonable care depends entirely on the circumstances of the particular case as known to the person (Carrara, Programma, § 87n.) whose conduct is the subject of enquiry. Whether in those circumstances, as so known to him, he used due care – whether he acted as a reasonably prudent man – is in general a mere question of fact as to which no legal rules can be laid down.""[152]

Fis-sentenza **Il-Pulizija vs Mustafa Gohar**[153] il-Qorti ghamlet studju funditus dwar l-elementi kostittutivi tar-reat previst bl-artiklu 225 tal-Kodici Kriminali:

"Kif spjiega l-gurista taljan **Francesco Antolisei**, biex wiehed jifhem l-essenza vera tal-kolpa, wiehed irid jzomm f'mohhu li fil-hajja socjali spiss jinholqu sitwazzjonijiet li fihom attivita diretta ghal xi fini partikolari tista taghti lok ghal konsegwenzi dannuzi lil terzi. L-esperjenza komuni jew l-esperjenza teknika - cioe l-esperjenza komuni ghall-bnedmin kollha jew dik l-esperjenza ta' kategorija ta' nies li jesplikaw attivita partikolari - tghallem li f'dawn il-kazijiet wiehed ghandu juza certi prekawzjonijiet bil-ghan li jevita li l-interessi ta' l-ohrajn jigu pregudikati.

"Sorgono per tal modo, jkompli dan l-awtur, delle regole di condotta. Spesso si tratta di semplici usi sociali come, per es., quello per cui il possessore di un'arma da fuoco e' tenuto a scaricarla, quando la depone in un luogo frequentato. Non poche volte interviene lo Stato od altra autorita', pubblica o privata, a fissare queste regole, disciplinando determinate attivita', piu o meno pericolose, in modo da prevenire, per quanto e' possibile, conseguenze nocive per i terzi… Il reato colposo nasce sempre e soltanto dall'innosservanza di talune delle norme indicate. L'infrazione giustifica nei confronti dell'agente un rimprovero di leggerezza. Il giudice dice all'imputato: tu non sei stato cauto e diligente come avresti dovuto. Il rimprovero, cosi formulato, e' la conseguenza caratteristica del reato colposo, perche nel reato doloso il giudice rimprovera al reo di aver voluto il fatto proibito, mentre nel fatto incolpevole (il c.d. caso fortuito) nessun biasino puo muoversi all'agente. Riteniamo, pertanto, che l'essenza della colpa debba ravvisarsi nella inosservanza di norme sancite dagli usi o espressamente prescritte dalle autorita' allo scopo di prevenire eventi dannosi" [**Antolisei, F.**, Manuale Di Diritto Penale, Parte Generale, Giuffre' (Milano), 1989, pp.322-323]

---

[151] Il-Pulizija vs Saverina sive Rine Borg, fuq citata
[152] Lectures in Criminal Law (First Year), p. 71.
[153] Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, Nru. 107/2004, 20.11.2004, per Magistrat Dr. Consuelo-Pilar Scerri Herrera, 20.11.2004.

"Din il-Qorti taqbel perfettament ma din l-esposizzjoni. In fatti, l-artikolu 225 tal-Kodici Kriminali taghna jirreferi ghar-regoli ta' kondotta derivati mill-esperjenza komuni jew teknika bil-kliem 'nuqqas ta' hsieb', 'traskuragni', u 'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni', filwaqt li dawk r-regoli ta' kondotta statutorjament stabbiliti huma indikati bil-kliem 'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti'. Hu appena necessarju jinghad li b'nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-legislatur mhux qed jirreferi biss ghall-legislazzjoni sussidjarja (li tigi fis-sehh permezz ta' avvizi legali, notifikazzjonijiet tal-Gvern, ordnijiet etc.) izda ghal kull forma ta' kondotta statutorjament stabbilita, u ghalhekk qed jirreferi wkoll ghal dawk r-regolamenti promulgati minn enti privati (perez. r-regolamenti imfassla minn sid ta' fabbrika biex jipprevjeni hsara ghal kull min jahdem jew jidhol f'dik l-fabbrika).

In fatti kemm fil-**Codice Zanardelli** kif wkoll fil-**Codice Rocco**, l-espressjoni uzata hi "inosservanza di leggi, regolamenti, ordini o discipline." Il-Qorti tikkonkludi fuq dan il-punt billi tissottolinea li anke f'kaz ta' nuqqas ta' tharis ta' regolamenti l-essenza tal-kolpa hi l-istess bhal fil-kaz ta' nuqqas ta' hsieb, trasskuragni jew imperizja. <u>In-nuqqas ta' osservanza ta' regoli stabbiliti minn xi awtorita ghat-tharis ta' terzi tammonta ghal negligenza jew imprudenza</u>, il-ghaliex huwa certament impurdenti jew negligenti mhux biss minn jittraskura li jiehu dawk l-prekawzjonijiet indikati mill-esperjenza ordinarju tal-hajja, izda wkoll minn jittraskura li josserva dawk ilprekawzjonijiet specifikatament preskritti minn xi awtorita." [emfazi ta-Qorti]

U dik l-Qorti f'dik il-kawza kompliet hekk:
"*Kif jispjiega l-gurista* ***Francesco Carfora*** *(Digesto Italiano, Vol 7, Parte 2, v. Colpa (materia penale), Diritto Vigente, p. 775) jekk il-prudenza tikkonsisti filli persuna taghmel dak li hu ragonevolment mistenni minnha sabiex tipprevjeni l-konsegwenzi dannuzi ta' ghemilha, l-imprudenza, li hija n-negazzjoni ta' din il-virtu', tikkonsisti filli wiehed jaghmel avventatament dawk l-affarijiet li hu messu ppreveda li setghu jikkagunaw hsara. It-traskuragni, mill-banda l-ohra, timplika cert non-kuranza, certu abbandun, kemm intellettiv kif wkoll materjali. Fiz-zewg kazijiet, pero l-hsara tkun prevedibbli ghalkemm mhux prevista; kieku kienet wkoll prevista, wiehed ikun qieghed fil-kamp doluz b'applikazzjoni tad-dottrina tal-intenzjoni posittiva ndiretta.*

……Id-definizzjoni tal-**Crivellari** fil-***Codice Penale - Vol III*** hi bazata fuq l-istess postulati u hi din :
"*la colpa e la voluntarieta mancanza di previsione delle conseguenze prevedibili del proprio atto.*" (pagna 228, para. 32.).

Meta si tratta ta' colpa huwa mportanti li jigu ppruvat in-*nexus* li ghandu jezisti bejn l-att w r-risultat sabiex l-att jista jitqies kriminalment imputabbli. Huwa biss jekk jirrizulta *chain of causation* bejn l-att li holoq id-danni u d-danni rizultanti li jista jirrizulta culpa. Kif gie ***deciz nhar ssbatax ta' Mejju, 1948*** fis-sentenza **Il-Pulizija v Salvatore Camilleri per *Imhallef Harding*** li "*Such need for the existence of a chain of causation between the negligent act and the ensuing harm is a requisite for responsibility to exist.*"

Fil-fatt jkompli jghid :
"*The principle that for culpa to exist there must be the causa nexus between act and event, applies not only with regard to negligence, imprudence, carelessness and unskillfulness, in an art or profession but it is equally requisite in case of non-observance of the regulations.*"

Fil-fatt **Maino** fil-ktieb tieghu ***Commentario al Codice Penale Italiano (Vol III, 1622, pg. 286)*** jghid:
"*E concorda la gurispurdenza, sancendo che l'inosservanza dei regolamenti non basta a costruire delitto colposo quando fra le inosservanza dei regolamenti e' l'evento funesto non siavi il messa di causalita.*"

## Il-Qorti ziedet:

"L-ezercizzju li l-ligi taghna timponi huwa biss l-ezami tal-operat tal-imputat li jkun biex jigi stabbilit kienx hemm da parti tieghu, xi att ta' kommissjoni jekk dan in-nuqqas kienx kawza anke jekk mhux l-unika wahda tal-event dannuz. Ma hemmx dubbju kif gie rilevat fil-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija v Joseph Busuttil et *deciza mill-Qorti***

***tal-Appell Kriminali nhar s-sitta w ghoxrin ta' Novembru 1992*** li l-persuna responsabbli mit-tmexxija tax-xoghol fuq il-post tax-xoghol hi tenuta tiehu l-prekawzjonijiet necessarji fic-cirkostanzi u dettata mir-raguni biex tigi evitata disgrazzja.

….S'intendi, isegwi ghalhekk li l-kulpa tista tkun dovuta wkoll ghal non osservanza tal-ligijiet, regolamenti, ordnijiet u simili, bhal ma huma l-assjem ta' regoli predisposti mill-Awtorita pubblika dwar il-modalita ta' kif ghandu jsir xoghol f'sit taht kostruzzjoni u specifika bl-iskop li jigi evitat il-possibilita ta' hsara u dannu lil terzi, cioe dak lijkollu l-element ta' prevenzjoni bhalma hi l-Att dwar l-Awtorita tas-Sahha u s-Sigurta fuq il-post tax-Xoghol [Att XXVII tas-sena 2000] Kap 424.

Illi dawn l-insenjamenti huma applikabbli ghall-artikolu 226 tal-Kodici Kriminali fejn l-persuna ghalkemm ma tkunx tilfet hajjitha, tkun sofriet xi tip ta' ferita.

Illi **Dr Michael Spiteri** xehed li hu kien mar fuq il-post tal-incident fejn ikkonstata li persuna kienet soffriet griehi gravi kawzati minn pressa u shana.[154] **Christopher Borg** ikkonferma li JG14, il-'medical file' tal-parte leza, kien kopja awtentikata tal-original.[155] Dan kien gie esebit b'nota datata 6 ta' Dicembru, 2012, mill-Agent Supretendent tal-Isptar Mater Dei.[156] Dr Elaine Pace Spadaroipprezentat il-'Case Summary' ta' Cassar minn fejn jirrizulta li kienet instabet li kienet qed issofri minn *"3rd degree burns and crush injury of all the thumb and index finger, middle finger up to the DIP and ring finger up to the DIP"* tal- *"right hand (dominant hand)".*[157] Ir-rapport ikompli li kellhom jigu amputated *"R thumb at proximal mid-phalanx; index and middle fingers down to neck of 2nd and 3rd metacarpals respectively. An abdominal flap was fashioned and used to cover hand."*

Illi l-kirurgu **Francis Darmanin** li kkonferma dak li qalet il-parte leza li effetivament hi kienet ghamlet kwazi tlett xhur[158] l-isptar, jghid li din kellu jsirilha "escarotomy". Giet operata diversi drabi *"Kellna namputawlha s-sebgha l-kbir tal-lemin u s-swaba l-ohrajn f'livelli differenti….Ghax kienu mietu bil-crush bit-tafisa plus bil-hruq jigifieri kienu 3rd u 4th degree burn dawn. Kienu mahruqin beyond repair."*[159] Ikklasifika l-griehi li kienu kompattibli mal-fatt li laundry drying press kienet il-kagun ghal dawk il-hruq, bhala gravi. Ix-xhud esebixxa rapport, JG19, li fih gie kkonfermat li Victoria Cassar soffriet total permanent disability ta' 57% (fifty seven percent).[160]

[154] Fol.10
[155] Fol.212 et seq.
[156] Vol.II
[157] Fol.136
[158] Fol.221
[159] Fol.218
[160] Fol.224

Rigward it-tieni imptazzjoni issir riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **Il-Pulizja vs John Magro**:[161]

Illi fir-rigward tal-ewwel imputazzjoni bbazata fuq l-artikolu 6 (1) tal-Kap. 424, din hi manifestament pruvata ghaliex irrizulta li ma sarx ir-*risk assessment* li hija wahda mill-mizuri li jridu jittiehdu minn kull *employer* biex jizgura li jinzammu l-livelli ta' protezzjoni tas-sahha w sigurta' skond l-art. 6 (1) (2) (a) (b) (c) (d) (e) tal-Kap. 424. Tajjeb li jigi rilevat li skond il-proviso ghas-subartikolu (1) l-obbligi tal-haddiema fil-qasam tas-sahha w sigurta' fuq il-postijiet tax-xoghol ma ghandhomx jeffettwaw il-principju tar-responsabbilta' ta' min ihaddem. Ghalhekk anki jekk jirrizulta - kif indubbjament irrizulta f' dan il-kaz- li Farrugia kien hu stess il-kagun ta' dak li gralu bil-fatt li inkonsultament ipprova jiftah *plug* meta kien *"live"*, dan xorta ma jezimix lill-appellati mir-responsabilllta' taghhom bhala *employers* minn-nuqqasijiet taghhom skond din il-ligi specjali.

L-istess Qorti fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Angelus Bartolo u Omissis** iddikjarat:[162]

Illi l-artikolu 6 tal-Kap. 424 jindika x'mizuri ghandhom jittiehdu biex jigu evitati danni fizici w psikologici, korrimenti jew mewt fuq il-postijiet tax-xoghol li huma bazati fuq il-principji generali ta' prevenzjoni. Fost dawn insibu: - li jigi evitat kull riskju; l-identifikazzjoni ta' perikoli assocjati max-xoghol; l-evalwazzjoni ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati; l-kontroll mill-bidu ta' dawk ir-riskji li ma jistghux jigu evitati w li jittiehdu l-mizuri necessarji kollha biex jirriducu r-riskji kemm ikun ragonevolment prattiku, inkluz li jitbiddel dak li huwa perikoluz, b' dak li ma jkunx perikoluz jew li jkun anqas perikoluz .

Illi l-Qrati Inglizi investew il-kwistjoni ta' x' mizuri ta' prekawzjoni jridu jittiehdu taht il-Factories Act (li ghandu xi dispozizzjonijiet simili ghall-Kap.424) li jkunu *"reasonably practicable"* u gie ritenut li din il-frazi *"seems to imply that a computation must be made by the owner, in which the quantum of risk is placed on one scale and the sacrifice involved in the measures necessary for averting the risk (whether in money, time or trouble) is placed in the other and that if it be shown that there is a gross disproportion between them – the risk being insignificant in relation to the sacrifice – the defendants discharge the onus on them. The onus of proving that it is not reasonable practical to provide a safety measure is on the person on whom the duty is imposed."* **"Walter,Wilson &. Son v.Summerfield"** [1956] 1W.L.R.1429). F' **"Gibson v. British Insulated Calender's Construction Co. Ltd** [1973] S.L.T. 2 (H.L.) gie ritenut li "*it is now firmly established that the burden of proof to establish that he had taken all reasonable practicable steps rests on the employer to discharge."* (Ara **CHARLESWORTH** "ON NEGLIGENCE" 6th. edit. pp.1152-1153). [emfazi ta-Qorti]

Dik il-Qorti imbaghad kompliet:

Fis-sistema penali taghna, il-*contributory negligence* tat-terz ma tezonerax lill-akkuzat mir-responsabbilta' kriminali sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru **"Il-Pulizija vs. P.Vassallo."** (App. Krim. Vol. XXXVIII,iv.p.883) Kif jghid **O.C. MAZENGARB** fil-monografija tieghu "Negligence on the Highway" (Butterworth's Edit.1962 p.327), citat b' approvazzjoni fl-Appell "Camilleri vs.Cutajar" [9.12.1968] *"If the defendant's conduct is itself negligent, he will not be heard to say that his negligence would not have resulted in damage unless somebody else had also been negligent. So long as the damage complained of is the natural and direct outcome of the original negligence, the wrongful interference of another will not relieve the defendant from responsibility."*

---

[161] App. Krim. Nru 149/2008, 11 ta' Dicembru, 2008. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono
[162] App. Krim. Nru. 123/2006, 11 ta' Jannar, 2007. Onor. Imhallef Dr J. Galea Debono

Illi l-Qorti ma ghandha ghalfejn izzid xejn iktar ma' dan l-insenjament. Certament ***il-parte leza Victoria Cassar naqset serjament*** meta ddecidiet li ddahhal idejha bejn rollers ta' magna u li taghmel dan f'hin li l-magna in kwistjoni kienet ghada mixghula. Illi l-artikolu 7 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta jitkellem dwar id-dmirijiet tal-impjegat fuq il-post tax-xoghol meta jiddisponi: "***Huwa dmir ta' kull haddiem li jissalvagwardja s-sahha u s-sigurta tieghu nnifsu kif ukoll dik ta' persuni ohra li jistghu jigu affettwati bix-xoghol li jkun qieghed isir***." Kwindi anke l-impjegat ghandu jezercita dik l-attenzjoni w id-diligenza mehtiega sabiex jizgura illi b'dak illi jaghmel la jwegga' hu u lanqas iwegga' lill-haddiehor.

Illi hu risaput illi f'materja penali il-"contributory negligence" tal-vittma jew tal-persuna danneggjata, ma hix skuzanti sakemm ma tkunx il-kawza unika tas-sinistru. Jekk tirrizulta tista', ghall-massimu, sservi biss bhala raguni ghall-mitigazzjoni tal-piena.

Illi nkwantu ta' piena huwa l-oneru tal-Qorti, f'kazijiet simili, li tirrifletti fuq l-grad ta' negligenza riskontrata fl-agir li l-imputat, stante li jista jaghti l-kaz li din, ghad li tkun ta' natura kriminuza, pero ma tilhaqx dak l-grad li timmerita piena restrittiva tal-liberta personali.

Illi l-imputat ghandu fedina penali netta.

Illi fi kliem il-prosekuzzjoni stess gie emfasizzat li l-imputat seta' **jitqies pijunier fil-Health and Safety fuq il-post tax-xoghol u dan ghall-isforzi tieghu fis-settur.**

Illi mix-xhieda mismugha jidher illi kienet x' kienet il-kontributorjeta' tal-vittma f'dan il-kaz, bil-fatt illi l-imputat, fil-kapacita` li fiha gie citat, naqas milli jhares diversi regolamenti intizi biex jigu evitati danni fizici w psikologici lill-impjegati minn tieghu, regolamenti intizi sabiex tigi mharsa il-protezzjoni tas-sahha w sigurta' fuq il-post tax-xoghol kif inhu l-obbligu ta' kull min ihaddem, jirrendi lill-istess imputat responsabbli ghall-offizi ta' natura gravi nvolontarji kagunati fuq Victoria Cassar.[163]

Illi gie kkunsidrat ukoll li minghajr ma kien hemm stennija ghall-ezitu ta' din il-kawza, l-parte leza giet rizarcita.

---

[163] Ai termini tal-artikolu 2 tal-Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta:
*" "min iħaddem" tfisser il-persuna li għaliha jsir xogħol jew jiġi mogħti servizz minn ħaddiem jew li jkollha relazzjoni ta' xogħol ma' ħaddiem,.... (b) għal dak li jirrigwarda l-organizzazzjonijiet l-oħra kollha, inklużi dawk volontarji, jew għal dak li jirrigwarda xi forma oħra ta' impieg taħt kuntratt ta' servizz, tinkludi kull waħda mill-persuni li tidderieġi fuq kullħadd jew li tieħu ħsieb it-treġija ta' kuljum;"*

Ghaldaqstant il-Qorti, wara li rat l-artikoli 17(b),(h), 31 u 226(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-artikolu 6 tal- Att dwar l-Awtorità għas-Saħħa u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xogħol, Kapitolu 424 tal-Ligijiet ta' Malta, ir-regolamenti 4 u 10 tar-Regolamenti dwar Disposizzjonijiet Generali dwar is-Sahha u s-Sigurtà fuq il-Post tax-Xoghol, (Avviż Legali 36/03; L.S.424.18), ir-regolament 3 tar-Regolamenti dwar l-Apparat tax-Xoghol (Bzonnijiet Minimi ghas-Sigurtà u s-Sahha), (Avviz Legali 282/2004, L.S. 424.30), tiddikjara li qed issib lil imputat, fil-kapacita` tieghu li fiha gie citat, hati tal-akkuzi kollha, u wara li rat l-artikolu 38 (1)(2) u (3) tal-Kap. 424, tikkundannah ghall-multa ta' sitt elef ewro.

Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba ghall-hlas tal-esperti billi ma jirrizultax li kien hemm tali hlas involut.

**Dr Donatella M. Frendo Dimech LL.D., Mag. Jur. (Int. Law).**
**Magistrat**